**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2017/2131(INL)**

17.5.2018

# EMENDI
# 68 - 263

**Abbozz ta' rapport**
**Judith Sargentini**
(PE620.837v02-00)

dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni
(2017/2131(INL))

**Emenda 68**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sa mill-2012, l-Ungerija ħadet passi pożittivi biex tittrasferixxi ċerti funzjonijiet mill-president tal-NJO għall-NJC sabiex toħloq bilanċ aħjar bejn dawn iż-żewġ organi. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal aktar progress. Il-GRECO, fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, talab għall-minimizzazzjoni tar-riskji potenzjali tad-deċiżjonijiet diskrezzjonarji mill-president tal-NJO. Il-president tal-NJO huwa, fost l-oħrajn, kapaċi jittrasferixxi u jassenja mħallfin, u għandu rwol fid-dixxiplina ġudizzjarja. Il-president tal-NJO jagħmel ukoll rakkomandazzjoni lill-President tal-Ungerija biex jaħtar u jneħħi kapijiet ta' qrati, inklużi presidenti u viċi presidenti tal-Qorti tal-Appell. Il-GRECO laqa' ***l-Kodiċi*** ta' Etika għall-Imħallfin adottat reċentement, iżda jqis li dan jista' jsir aktar espliċitu u jkun akkumpanjat minn taħriġ waqt is-servizz. | (12) Sa mill-2012, l-Ungerija ħadet passi pożittivi biex tittrasferixxi ċerti funzjonijiet mill-president tal-NJO għall-NJC sabiex toħloq bilanċ aħjar bejn dawn iż-żewġ organi. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal aktar progress. Il-GRECO, fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, talab għall-minimizzazzjoni tar-riskji potenzjali tad-deċiżjonijiet diskrezzjonarji mill-president tal-NJO. Il-president tal-NJO huwa, fost l-oħrajn, kapaċi jittrasferixxi u jassenja mħallfin, u għandu rwol fid-dixxiplina ġudizzjarja. Il-president tal-NJO jagħmel ukoll rakkomandazzjoni lill-President tal-Ungerija biex jaħtar u jneħħi kapijiet ta' qrati, inklużi presidenti u viċi presidenti tal-Qorti tal-Appell. ***Fit-2 ta' Mejju 2018, l-NJC organizza sessjoni fejn adotta b'mod unanimu deċiżjonijiet dwar il-prattika tal-president tal-NJO fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' talbiet għal applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet ġudizzjarji u pożizzjonijiet għolja bħala mhux approvati. Id-deċiżjonijiet sabu li l-prattika tal-president kienet illegali.*** Il-GRECO laqa' ***wkoll il-Kodiċi*** ta' Etika għall-Imħallfin adottat reċentement, iżda jqis li dan jista' jsir aktar espliċitu u jkun akkumpanjat minn taħriġ waqt is-servizz. |

Or. en

**Emenda 69**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") tas-6 ta' Novembru 2012 fil-Kawża C-286/12, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija[1], li ddeċidiet li bl-adozzjoni ta' skema nazzjonali li tirrikjedi l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin, il-prosekuturi u n-nutara meta jagħlqu 62 sena, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att XX tal-2013 li kien jipprevedi li l-età tal-irtirar ġudizzjarja għandha gradwalment tonqos għal 65 sena fuq perjodu ta' għaxar snin u li stabbilixxa l-kriterji għall-ingaġġ mill-ġdid jew għall-kumpens. Fir-rapport tiegħu ta' Ottubru 2015, l-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kamra tal-Avukati Internazzjonali ddikjara li l-maġġoranza tal-imħallfin imneħħija ma reġgħux lura għall-karigi oriġinali tagħhom.<br><br>[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija, C-286/12, ECLI:EU:C:2012:687. | (13) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") tas-6 ta' Novembru 2012 fil-Kawża C-286/12, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija[1], li ddeċidiet li bl-adozzjoni ta' skema nazzjonali li tirrikjedi l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin, il-prosekuturi u n-nutara meta jagħlqu 62 sena, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att XX tal-2013 li kien jipprevedi li l-età tal-irtirar ġudizzjarja għandha gradwalment tonqos għal 65 sena fuq perjodu ta' għaxar snin u li stabbilixxa l-kriterji għall-ingaġġ mill-ġdid jew għall-kumpens. Fir-rapport tiegħu ta' Ottubru 2015, l-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kamra tal-Avukati Internazzjonali ddikjara li l-maġġoranza tal-imħallfin imneħħija ma reġgħux lura għall-karigi oriġinali tagħhom***, għalkemm l-emendi introdotti mill-Att XX tal-2013 ipprovdew il-possibbiltà għal imħallfin irtirati biex jerġgħu lura għall-karigi preċedenti tagħhom fl-istess qorti taħt l-istess kundizzjonijiet bħal qabel ir-regolamenti dwar l-irtirar, jew jekk ma jixtiequx jerġgħu lura, jirċievu kumpens ta' somma f'daqqa ta' 12-il xahar għar-rimunerazzjoni mitlufa tagħhom, u jistgħu japplikaw għal aktar kumpens quddiem il-qorti; l-għażliet individwali tal-imħallfin ma jistgħux għalhekk jinżammu kontra l-Ungerija***.<br><br>[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija, C-286/12, ECLI:EU:C:2012:687 |

Or. en

**Emenda 70**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") tas-6 ta' Novembru 2012 fil-Kawża C-286/12, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija[1], li ddeċidiet li bl-adozzjoni ta' skema nazzjonali li tirrikjedi l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin, il-prosekuturi u n-nutara meta jagħlqu 62 sena, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att XX tal-2013 li kien jipprevedi li l-età tal-irtirar ġudizzjarja għandha gradwalment tonqos għal 65 sena fuq perjodu ta' għaxar snin u li stabbilixxa l-kriterji għall-ingaġġ mill-ġdid jew għall-kumpens. ***Fir-rapport tiegħu*** ta' ***Ottubru 2015, l-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kamra tal-Avukati Internazzjonali ddikjara li l-maġġoranza tal-imħallfin imneħħija ma reġgħux lura għall-karigi oriġinali tagħhom***. | (13) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") tas-6 ta' Novembru 2012 fil-Kawża C-286/12, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija[1], li ddeċidiet li bl-adozzjoni ta' skema nazzjonali li tirrikjedi l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin, il-prosekuturi u n-nutara meta jagħlqu 62 sena, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att XX tal-2013 li kien jipprevedi li l-età tal-irtirar ġudizzjarja għandha gradwalment tonqos għal 65 sena fuq perjodu ta' għaxar snin u li stabbilixxa l-kriterji għall-ingaġġ mill-ġdid jew għall-kumpens. ***Il-Kummissjoni mmonitorjat b'mod kontinwu l-implimentazzjoni tal-liġi Ungeriża l-ġdida dwar l-irtirar u fl-20 ta' Novembru 2013 irrikonoxxiet il-miżuri tal-Ungerija biex il-liġi dwar l-irtirar tagħha ssir kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni; il-Kummissjoni kienet sodisfatta wkoll bir-rimedji implimentati fir-rigward tal-imħallfin, il-prosekuturi u n-nutara pubbliċi affettwati, inkluż id-dritt*** ta' ***ingaġġ mill-ġdid mingħajr proċedura ġudizzjarja, u d-dritt għal kumpens***. |
| [1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija, C-286/12, ECLI:EU:C:2012:687. | [1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija, C-286/12, ECLI:EU:C:2012:687. |

Or. en

**Emenda 71**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2015, Gaszó vs l-Ungerija, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt ta' proċess ġust u tad-dritt għal rimedju effettiv. Il-QEDB waslet għall-konklużjoni li l-ksur oriġina fi prattika li kienet tikkonsisti fin-nuqqas rikorrenti tal-Ungerija li tiżgura li l-proċedimenti li jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi ċivili jitlestew fi żmien raġonevoli u li tieħu miżuri li jippermettu lill-applikanti jitolbu rimedju għal proċedimenti ċivili eċċessivament twal fuq livell domestiku. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2015, Gaszó vs l-Ungerija, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt ta' proċess ġust u tad-dritt għal rimedju effettiv. Il-QEDB waslet għall-konklużjoni li l-ksur oriġina fi prattika li kienet tikkonsisti fin-nuqqas rikorrenti tal-Ungerija li tiżgura li l-proċedimenti li jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi ċivili jitlestew fi żmien raġonevoli u li tieħu miżuri li jippermettu lill-applikanti jitolbu rimedju għal proċedimenti ċivili eċċessivament twal fuq livell domestiku. ***L-eżekuzzjoni*** ta' ***dik is-sentenza għadha pendenti***. | (14) Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2015, Gaszó vs l-Ungerija, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt ta' proċess ġust u tad-dritt għal rimedju effettiv. Il-QEDB waslet għall-konklużjoni li l-ksur oriġina fi prattika li kienet tikkonsisti fin-nuqqas rikorrenti tal-Ungerija li tiżgura li l-proċedimenti li jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi ċivili jitlestew fi żmien raġonevoli u li tieħu miżuri li jippermettu lill-applikanti jitolbu rimedju għal proċedimenti ċivili eċċessivament twal fuq livell domestiku. ***Il-Kodiċi*** ta' ***Proċedura Ċivili l-ġdid tal-Ungerija adottat fl-2016 jipprevedi l-aċċellerazzjoni tal-proċedimenti ċivili u l-*** |

***Kodiċi ta' Proċedura Kriminali l-ġdid jikkontribwixxi għall-espedjenza u l-effikaċja tal-proċedimenti. L-Ungerija infurmat kif mistħoqq lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa li l-liġi l-ġdida li toħloq rimedju effettiv għal proċeduri estiżi se tiġi adottata sa Ottubru 2018.***

Or. en

**Emenda 73**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 2016, Baka vs l-Ungerija, il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt tal-aċċess għal qorti u tal-libertà tal-espressjoni ta' András Baka, li kien ġie elett bħala President tal-Qorti Suprema għal terminu ta' sitt snin f'Ġunju 2009, iżda waqaf jokkupa din il-kariga skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji fil-Liġi Fundamentali, li jipprovdu li l-Curia kellha tkun is-suċċessur legali għall-Qorti Suprema. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti għaliex il-Gvern Ungeriż jiċħad il-fatt li hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex jevitaw aktar tneħħijiet prematuri ta' mħallfin għal raġunijiet simili, biex b'hekk jissalvagwardja kwalunkwe abbuż f'dan ir-rigward.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 2016, Baka vs l-Ungerija, il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt tal-aċċess għal qorti u tal-libertà tal-espressjoni ta' András Baka, li kien ġie elett bħala President tal-Qorti Suprema għal terminu ta' sitt snin f'Ġunju 2009, iżda waqaf jokkupa din il-kariga skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji fil-Liġi Fundamentali, li jipprovdu li l-Curia kellha tkun is-suċċessur legali għall-Qorti Suprema. ***L-eżekuzzjoni*** ta' ***dik is-sentenza għadha pendenti għaliex il-Gvern Ungeriż jiċħad il-fatt li hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex jevitaw aktar tneħħijiet prematuri*** ta' ***mħallfin għal raġunijiet simili, biex b'hekk jissalvagwardja kwalunkwe abbuż f'dan ir-rigward***. | (15) Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 2016, Baka vs l-Ungerija, il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt tal-aċċess għal qorti u tal-libertà tal-espressjoni ta' András Baka, li kien ġie elett bħala President tal-Qorti Suprema għal terminu ta' sitt snin f'Ġunju 2009, iżda waqaf jokkupa din il-kariga skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji fil-Liġi Fundamentali, li jipprovdu li l-Curia kellha tkun is-suċċessur legali għall-Qorti Suprema. ***L-ebda miżura ġenerali oħra ma nstabet li hija neċessarja minbarra r-restitutio in integrum neċessarjament ipprovdut – ladarba l-ksur identifikat mill-Qorti rriżulta minn riforma kostituzzjonali*** ta' ***darba tas-sistema ġudizzjarja Ungeriża – u l-miżuri ġenerali mitluba mid-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-10 ta' Marzu 2017 mhumiex relatati mal-implimentazzjoni tas-sentenza ladarba l-Qorti qatt ma ddubitat l-eżistenza*** ta' ***garanziji relatati (rigward l-imħallfin Ungeriżi kollha ħlief il-president tal-Qorti Suprema)***. |

Or. en

**Emenda 75**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Fid-29 ta' Settembru 2008, is-Sur András Jóri ġie maħtur Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data għal perjodu ta' sitt snin. Madankollu, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, il-Parlament Ungeriż iddeċieda li jirriforma s-sistema tal- | (16) Fid-29 ta' Settembru 2008, is-Sur András Jóri ġie maħtur Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data għal perjodu ta' sitt snin. Madankollu, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, il-Parlament Ungeriż iddeċieda li jirriforma s-sistema tal- |

protezzjoni tad-data u jissostitwixxi lill-Kontrollur b'awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-libertà tal-informazzjoni. Is-Sur Jóri kellu jħalli l-kariga qabel kien skada t-terminu sħiħ tiegħu. Fit-8 ta' April 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji neċessarjament tinkludi l-obbligu li jitħallew iservu l-mandat sħiħ tagħhom u li l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

² Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31). 31).

protezzjoni tad-data u jissostitwixxi lill-Kontrollur b'awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-libertà tal-informazzjoni. Is-Sur Jóri kellu jħalli l-kariga qabel kien skada t-terminu sħiħ tiegħu. Fit-8 ta' April 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji neċessarjament tinkludi l-obbligu li jitħallew iservu l-mandat sħiħ tagħhom u li l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. ***L-Ungerija emendat ir-regoli dwar il-ħatra tal-president tal-Awtorità Nazzjonali Ungeriża għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni, abbażi tas-suġġerimenti tal-Kummissjoni Ewropea, ippreżentat apoloġija billi bagħtet ittra ministerjali lil András Jóri, ħarġet avviż pubbliku lil András Jóri u lill-aġenzija Ungeriża tal-aħbarijiet, kif ukoll ħallset is-somma miftiehma ta' kumpens. Is-Sur Jóri kkunsidra l-kumpens materjali u morali bħala ġust u aċċettah volontarjament, u barra minn hekk huwa ddikjara li ma kellu l-ebda talba oħra u għalhekk il-kawża ngħalqet b'mod reċiprokament sodisfaċenti.***

² Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31). 31).

Or. en

**Emenda 76**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) Il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat bosta nuqqasijiet fl-Opinjoni tagħha dwar l-Att CLXIII tal-2011 dwar is-Servizz ta' Prosekuzzjoni u l-Att CLXIV tal-2011 dwar l-Istatus tal-Prosekutur Ġenerali, il-Prosekuturi u Impjegati oħra tal-Prosekuzzjoni u l-Karriera tal-Prosekuzzjoni fl-Ungerija, adottata fid-19 ta' Ġunju 2012. Fir-rapport tiegħu, adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jieħdu passi addizzjonali biex jevitaw l-abbuż u jżidu l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni billi, fost l-oħrajn, ineħħu l-possibbiltà li l-Prosekutur Ġenerali jiġi elett mill-ġdid. Barra minn hekk, il-GRECO talab biex il-proċedimenti dixxiplinari kontra prosekuturi ordinarji jsiru aktar trasparenti u biex id-deċiżjonijiet biex kawża titmexxa mingħand prosekutur wieħed għal għand ieħor ikunu ggwidati minn kriterji u ġustifikazzjonijiet legali stretti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat bosta nuqqasijiet fl-Opinjoni tagħha dwar l-Att CLXIII tal-2011 dwar is-Servizz ta' Prosekuzzjoni u l-Att CLXIV tal-2011 dwar l-Istatus tal-Prosekutur Ġenerali, il-Prosekuturi u Impjegati oħra tal-Prosekuzzjoni u l-Karriera tal-Prosekuzzjoni fl-Ungerija, adottata fid-19 ta' Ġunju 2012. Fir-rapport tiegħu, adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO | (17) Il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat bosta nuqqasijiet fl-Opinjoni tagħha dwar l-Att CLXIII tal-2011 dwar is-Servizz ta' Prosekuzzjoni u l-Att CLXIV tal-2011 dwar l-Istatus tal-Prosekutur Ġenerali, il-Prosekuturi u Impjegati oħra tal-Prosekuzzjoni u l-Karriera tal-Prosekuzzjoni fl-Ungerija, adottata fid-19 ta' Ġunju 2012. Fir-rapport tiegħu, adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO |

| | |
|---|---|
| ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jieħdu passi addizzjonali biex jevitaw l-abbuż u jżidu l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni billi, fost l-oħrajn, ineħħu l-possibbiltà li l-Prosekutur Ġenerali jiġi elett mill-ġdid. Barra minn hekk, il-GRECO talab biex il-proċedimenti dixxiplinari kontra prosekuturi ordinarji jsiru aktar trasparenti u biex id-deċiżjonijiet biex kawża titmexxa mingħand prosekutur wieħed għal għand ieħor ikunu ggwidati minn kriterji u ġustifikazzjonijiet legali stretti. | ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jieħdu passi addizzjonali biex jevitaw l-abbuż u jżidu l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni billi, fost l-oħrajn, ineħħu l-possibbiltà li l-Prosekutur Ġenerali jiġi elett mill-ġdid. Barra minn hekk, il-GRECO talab biex il-proċedimenti dixxiplinari kontra prosekuturi ordinarji jsiru aktar trasparenti u biex id-deċiżjonijiet biex kawża titmexxa mingħand prosekutur wieħed għal għand ieħor ikunu ggwidati minn kriterji u ġustifikazzjonijiet legali stretti. ***Madankollu, ir-Rapport ta' Konformità GRECO tal-2017, li jivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2015, irrikonoxxa l-progress li sar mill-Ungerija u għandu jiġi ppreżentat rapport sat-30 ta' Ġunju 2018 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, li jfisser li hemm djalogu kontinwu bejn il-GRECO u l-awtoritajiet Ungeriżi.*** |

Or. en

**Emenda 78**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) L-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kamra tal-Avukati Internazzjonali (IBAHRI) jesprimi tħassib profond fir-Rapport tiegħu tal-2015 li, wara r-riforma leġiżlattiva sinifikanti implimentata matul l-ewwel mandat tal-gvern preżenti tal-Ungerija, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura Ungeriża ma tistax tiġi ggarantita u l-garanziji tal-istat tad-dritt*** |

*jibqgħu mdgħajfa.*

Or. en

**Emenda 79**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Rapport tat-2 ta' Mejju 2018 tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali, magħmul minn 15-il imħallef eletti mill-pari tagħhom, maħtur biex jeżamina l-eżerċizzju tad-dmirijiet tal-President, Tunde Hanro, tefa' dubji dwar l-awtonomija tas-sistema ġudizzjarja Ungeriża. Il-Kunsill jiddikjara fir-rapport tiegħu li s-Sinjura Hanro użat il-pożizzjoni ta' poter tagħha sabiex tinfluwenza l-ħatra ta' prim imħallfin.*** |

Or. fr

**Emenda 80**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO talab l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta għall-membri tal-Parlament Ungeriż (MP) dwar il-gwida f'każijiet ta' kunflitti ta' interess. Barra minn hekk, il-MP jenħtieġ li jkunu obbligati wkoll jirrapportaw kunflitti ta' interess b'mod ad hoc u dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat b'obbligu aktar robust li jiġu sottomessi d-dikjarazzjonijiet tal-assi.*** | ***imħassar*** |

***Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll b'dispożizzjonijiet li jippermettu sanzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi.***

Or. en

**Emenda 81**
**Michał Boni, Carlos Coelho, Frank Engel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO talab l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta għall-membri tal-Parlament Ungeriż (MP) dwar il-gwida f'każijiet ta' kunflitti ta' interess. Barra minn hekk, il-MP jenħtieġ li jkunu obbligati wkoll jirrapportaw kunflitti ta' interess b'mod ad hoc u dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat b'obbligu aktar robust li jiġu sottomessi d-dikjarazzjonijiet tal-assi. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll b'dispożizzjonijiet li jippermettu sanzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi. | (18) Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO talab l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta għall-membri tal-Parlament Ungeriż (MP) dwar il-gwida f'każijiet ta' kunflitti ta' interess. Barra minn hekk, il-MP jenħtieġ li jkunu obbligati wkoll jirrapportaw kunflitti ta' interess b'mod ad hoc u dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat b'obbligu aktar robust li jiġu sottomessi d-dikjarazzjonijiet tal-assi. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll b'dispożizzjonijiet li jippermettu sanzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi. ***Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-assi jenħtieġ li tiġi ppubblikata online għal sorveljanza popolari ġenwina; jenħtieġ li tkun fis-seħħ bażi ta' data elettronika standard biex ikun possibbli li d-dikjarazzjonijiet u l-modifiki kollha tagħhom ikunu aċċessibbli b'mod trasparenti.*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18)*** Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO talab l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta għall-membri tal-Parlament Ungeriż (MP) dwar il-gwida f'każijiet ta' kunflitti ta' interess***. Barra minn hekk, il-MP jenħtieġ li jkunu obbligati wkoll jirrapportaw kunflitti ta' interess*** b'mod ad hoc ***u dan jenħtieġ*** li ***jkun akkumpanjat b'obbligu aktar robust li jiġu sottomessi d-dikjarazzjonijiet tal-assi. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll b'dispożizzjonijiet li*** jippermettu sanzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi. | Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO talab l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta għall-membri tal-Parlament Ungeriż (MP) dwar il-gwida f'każijiet ta' kunflitti ta' interess ***li jinħolqu*** b'mod ad hoc***. Għalkemm ir-regolament attwali jista' jiġi kkunsidrat bħala pjuttost strett anke skont l-istandards Ewropej, huwa rakkomandat*** li ***tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' dispożizzjoniijiet li*** jippermettu sanzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi. |

Or. en

**Emenda 83**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(19) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li l-monitoraġġ limitat tal-infiq fuq il-kampanji u n-nuqqas ta' rapportar bir-reqqa dwar is-sorsi tal-fondi tal-kampanji jimminaw it-trasparenza tal-finanzjament tal-kampanji u l-kapaċità tal-votanti li jagħmlu għażla informata, kuntrarju għall-impenji tal-OSKE u l-istandards internazzjonali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li l-monitoraġġ limitat tal-infiq fuq il-kampanji u n-nuqqas ta' rapportar bir-reqqa dwar is-sorsi tal-fondi tal-kampanji jimminaw it-trasparenza tal-finanzjament tal-kampanji ***u l-kapaċità tal-votanti li jagħmlu għażla informata,*** kuntrarju għall-impenji tal-OSKE u l-istandards internazzjonali. | (19) Fid-dikjarazzjoni tagħha ***tar-riżultati u l-konklużjonijiet preliminari*** adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li l-monitoraġġ limitat tal-infiq fuq il-kampanji u n-nuqqas ta' rapportar bir-reqqa dwar is-sorsi tal-fondi tal-kampanji ***sa wara l-elezzjonijiet*** jimminaw it-trasparenza tal-finanzjament tal-kampanji kuntrarju għall-impenji tal-OSKE u l-istandards internazzjonali. ***Madankollu, ma kien hemm l-ebda deterjorament jew tendenza ta' tnaqqis f'dawn l-aħħar snin jew meta mqabbla mad-data tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-UE. Għall-kuntrarju, l-Att LXXXVII tal-2013 dwar it-Trasparenza tal-Finanzjament tal-Kampanja Elettorali stabbilixxa l-ammont massimu li jista' jintefaq għal attivitajiet tal-kampanja, stabbilixxa regoli stretti dwar l-użu ta' dawn il-fondi u dwar il-monitoraġġ tal-infiq għall-kampanja. Għalkemm il-konklużjonijiet preliminari tal-OSKE jitolbu sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ aktar dettaljata anke matul, u mhux biss wara, l-elezzjonijiet, l-Att għażel mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' kontroll ex-post. Filwaqt li l-limiti massimi potenzjali huma stabbiliti mil-liġi minn qabel, l-Att introduċa wkoll rekwiżit skont liema l-kandidati u l-organizzazzjonijiet li qed jinnominaw kollha, fi żmien 60 jum wara r-riżultati finali tal-elezzjonijiet, għandhom jippubblikaw l-infiq fuq il-kampanja attwali kollu tagħhom, inklużi wkoll is-sorsi u l-għanijiet tal-infiq. L-Uffiċċju Statali tal-Awditjar għandu l-kompetenza*** |

| | |
|---|---|
| | ***li jimmonitorja u jikkontrolla jekk ikunux intlaħqu r-rekwiżiti legali.*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li l-monitoraġġ limitat tal-infiq fuq il-kampanji u n-nuqqas ta' rapportar bir-reqqa dwar is-sorsi tal-fondi tal-kampanji jimminaw it-trasparenza tal-finanzjament tal-kampanji ***u l-kapaċità tal-votanti li jagħmlu għażla informata***, kuntrarju għall-impenji tal-OSKE u l-istandards internazzjonali. | (19) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li l-monitoraġġ limitat tal-infiq fuq il-kampanji u n-nuqqas ta' rapportar bir-reqqa dwar is-sorsi tal-fondi tal-kampanji jimminaw it-trasparenza tal-finanzjament tal-kampanji, kuntrarju għall-impenji tal-OSKE u l-istandards internazzjonali. ***Madankollu, dan ir-rapport tal-OSKE ma inkludiex ir-rapport tal-awditjar uffiċjali tal-Uffiċċju Statali tal-Awditjar (l-awtorità tal-infurzar għall-għajnuna mill-Istat) dwar l-elezzjonijiet parlamentari tal-2018, minħabba li dak iż-żmien kien għadu ma tlestiex.*** |

Or. en

**Emenda 86**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao, Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Skont l-indiċijiet annwali ta' klassifikazzjoni dwar il-livelli ta' perċezzjoni tal-korruzzjoni fl-2017*** |

| | |
|---|---|
| | ***ippubblikat minn Transparency International, l-Ungerija tinsab fis-66 post b'punteġġ ta' 45 minn 100, tliet punti inqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel u 10 punti inqas mill-2012. Diversi organizzazzjonijiet nongovernattivi u assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi rrappurtaw li l-korruzzjoni fl-Ungerija tippreżenta riskju sinifikanti għall-intrapriżi, b'mod partikolari fis-setturi tal-amministrazzjoni fiskali u tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku. Il-kuntratti ta' akkwist pubbliku huma settur partikolarment vulnerabbli għall-irregolaritajiet fil-livell lokali minħabba relazzjonijiet informali qawwija bejn l-intrapriżi u l-atturi politiċi. Minkejja li l-korruzzjoni fis-settur pubbliku u privat tiġi kkunsidrata bħala reat li jiġi sanzjonat b'mod espliċitu mill-Kodiċi Kriminali Ungeriż, din il-leġiżlazzjoni ma tiġix implimentata b'mod korrett.*** |

Or. it

**Emenda 87**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(20)* ***Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP) irċieva ittra mingħand il-Gvern Ungeriż li fiha ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu mis-sħubija. Il-Gvern tal-Ungerija kien taħt l-eżami tal-OGP sa minn Lulju 2015 minħabba tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward l-ispazju tagħhom biex joperaw fil-pajjiż.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP) irċieva ittra mingħand il-Gvern Ungeriż li fiha ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu mis-sħubija. Il-Gvern tal-Ungerija kien taħt l-eżami tal-OGP sa minn Lulju 2015 minħabba tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward l-ispazju tagħhom biex joperaw fil-pajjiż. | (20) Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP) irċieva ittra mingħand il-Gvern Ungeriż li fiha ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu mis-sħubija***, f'konformità mal-fatt li l-OGP hija inizjattiva multilaterali bbażata fuq sħubija volontarja u għalhekk hija biss id-deċiżjoni libera tal-pajjiżi parteċipanti jekk jingħaqdux jew jekk jirtirawx. Irid jiġi nnutat ukoll li mhux l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-OGP, eż. l-Awstrija, il-Belġju u s-Slovenja.*** Il-Gvern tal-Ungerija kien taħt l-eżami tal-OGP sa minn Lulju 2015 minħabba tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward l-ispazju tagħhom biex joperaw fil-pajjiż***, li hija eżattament ir-raġuni wara l-irtirar tal-Ungerija, ladarba l-opinjonijiet tal-NGOs internazzjonali li jikkritikaw kontinwament lill-Ungerija ġew aċċettati b'mod wiesa' fir-rapporti tal-organizzazzjoni, iżda r-reazzjoni tal-gvern ġiet traskurata kompletament u għaldaqstant l-organizzazzjoni saret forum għat-twissija ta' ftit pajjiżi, minflok id-diskussjoni u l-iskambju tal-prattiki tajba tal-gvern***. |

Or. en

**Emenda 89**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP) ***irċieva*** ittra mingħand il-Gvern Ungeriż li fiha ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu mis-sħubija***. Il-Gvern*** tal-Ungerija kien taħt l-eżami tal-OGP sa minn Lulju 2015 minħabba tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward l-ispazju tagħhom biex joperaw fil-pajjiż. | (20) Fis-7 ta' Diċembru 2016, ***meta kien taħt il-kopresidenza tal-gvern Franċiż,*** il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP) ***li jiġbor fih 75 pajjiż u mijiet ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu madwar id-dinja għat-trasparenza tal-azzjoni pubblika, f'kostruzzjoni konġunta mas-soċjetà ċivili rċieva*** ittra mingħand il-Gvern Ungeriż li fiha ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu mis-sħubija ***meta l-Gvern*** tal-Ungerija kien taħt l-eżami tal-OGP sa minn Lulju 2015 minħabba tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***b'mod partikolari*** rigward l-ispazju tagħhom biex joperaw fil-pajjiż. |

Or. fr

**Emenda 90**
**Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Bejn l-2012 u l-2017, l-Ungerija operat il-programm tal-bonds ta' residenza disturbanti ħafna tagħha li offra permess ta' residenza lil xi 20 000 persuna skont rapporti ta' ġurnaliżmu investigattiv. Dawk li akkwistaw dawn il-bonds jistgħu jżommu permess ta' residenza mingħajr limitazzjoni. Il-barranin ma investewx direttament fil-bonds tar-residenza tal-gvern, iżda għamlu dan permezz ta' kumpaniji intermedjarji deżinjati bi strutturi ta' sjieda inċerti. Dawn il-kumpaniji jitlobu tariffi ta' servizz ta' EUR 40 000 - 60 000 għall-operazzjonijiet tagħhom, u ġew*** |

| | |
|---|---|
| | ***magħżula speċifikament mill-Kumitat Ekonomiku tal-Parlament mingħajr sejħa għall-offerti pubblika jew sorveljanza legali. Dawn il-kundizzjonijiet ħolqu ċentru għall-korruzzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timponi immedjatament miżuri konkreti li jirreaġixxu u jiksbu rimedju għall-investigazzjoni fl-Ungerija, magħmula mill-OLAF, li ppreżenta rakkomandazzjonijiet finanzjarji u ġudizzjarji lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet Ungeriżi, fid-dawl tal-"irregolaritajiet serji" u l-"kunflitti ta' interess" li sab fir-rigward tal-kuntratti tad-dawl fit-toroq mogħtija lill-Elios Innovativ Zrt – kumpanija li dak iż-żmien kienet ikkontrollata mill-iben tar-rispett tal-Prim Ministru Ungeriż; billi din, u investigazzjonijiet oħra mhux biss jitfgħu dawl fuq l-użu ħażin ta' fondi strutturali tal-UE, iżda jżidu wkoll it-tħassib rigward kuntratti pubbliċi mogħtija lill-membri tal-familja tal-Prim Ministru tal-Ungerija;*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Fl-2016, l-OLAF ippubblika r-rapport tiegħu fejn ikkonkluda l-investigazzjoni tiegħu tal-projett tat-trasport ta' EUR 1.7 biljun fl-Ungerija, fejn il-parteċipanti ewlenin kienu kumpaniji internazzjonali. Permezz tas-setgħat transfrutiera tiegħu, l-OLAF wettaq investigazzjonijiet fl-Ungerija u rrintraċċa l-konnessjonijiet bejn proġetti u intrapriżi. L-investigazzjoni uriet irregolaritajiet serji ħafna, kif ukoll, frodi u korruzzjoni possibbli fl-implimentazzjoni tal-proġetti. L-OLAF nieda wkoll investigazzjoni fil-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, immexxija minn kumpanija kkontrollata mill-iben tar-rispett tal-Prim Ministru – Viktor Orban. Hemm suspett li s-sejħa għall-offerti setgħet kienet iffabbrikata.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ta' min isemmi l-investigazzjoni tal-OLAF ippubblikata fir-rapport tal-2016. Aktar minn 80 % tal-investiment pubbliku fl-Ungerija jiġi mill-fondi ta' koeżjoni tal-UE, u l-iben tar-rispett ta' Orbán huwa wieħed mill-persuni li kisbu fondi tal-UE. István Tiborcz, li żżewweġ lit-tifla ta' Orbán, Ráhel, fl-2013, kien is-sid ta' Elios Innovativ meta rebaħ kuntratti biex jipprovdi lill-ibliet bil-lampi tat-triq iffinanzjati mill-UE. L-investigazzjoni uriet li kull lampa kienet inxtrat għal kważi 156 % tal-valur tagħha, u l-fondi għax-xiri tagħhom kien ġej mill-fondi tal-UE. L-irregolaritajiet fil-finanzjament tal-kampanja Orban intwerew ukoll.*

**Emenda 93**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Nathalie Griesbeck, Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petr Ježek, Morten Helveg Petersen, Angelika Mlinar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Skont ir-Rapport kontra l-korruzzjoni ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2014[1b], il-korruzzjoni hija*** |

***meqjusa bħala mifruxa (89 %) fl-Ungerija. Skont l-Indiċi 2017 tal-perċezzjoni tal-korruzzjoni ppubblikat minn Transparency International, f'sitt snin, l-Ungerija tilfet 10 punti li jagħmilha wieħed mill-Istati fil-qiegħ tal-klassifika tal-Unjoni Ewropea. L-Ungerija hija waħda mill-akbar benefiċjarji ta' fondi Ewropej u aktar min-nofs l-investiment pubbliku ġej mill-fondi Ewropej. Madankollu l-Ungerija rrifjutat li tieħu sehem fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew imwaqqaf biex jiġġieled il-ksur li jaffettwa l-baġit tal-Unjoni.***

______________

***[1b] COM(2014) 38***

Or. fr

**Emenda 94**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Kif enfasizzat fir-Rapport Annwali tal-2016 tiegħu, kif ukoll fit-tweġibiet tiegħu għal diversi ittri mill-Membri tal-Parlament Ewropew[1a], il-Bank Ċentrali Ewropew qed jimmonitorja mill-qrib l-operazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ungeriż u l-fondazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari tal-programmi Pallas Athene. Ir-Rapport Annwali tal-BĊE tal-2017 isemmi li issa ġie mtaffi xi tħassib, madankollu l-BĊE jkompli bil-monitoraġġ tiegħu. Jenħtieġ li l-BĊE ma jżommx lura milli jibda proċedimenti ta' ksur għal nonkonformità mal-Artikolu 123 tat-TFUE li jipprojbixxi l-finanzjament monetarju.*** |

______________

*[1a] Ara t-tweġiba l-aktar riċenti għall-ittra bir-referenza QZ-016 bid-data tal-10 ta' April 2018*

Or. en

**Emenda 95**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao, Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-Ungerija tirċievi finanzjament sinifikanti permezz tal-pagamenti tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni. F'rapport tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) tal-2016, l-investigaturi tal-OLAF sabu "irregolaritajiet serji" fil-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, fosthom proġetti mmexxija minn kumpaniji li xi darba kienu f'proprjetà konġunta mir-raġel tat-tifla tal-prim ministru Viktor Orban, li jikxu kunflitti ta' interess perikolużi fil-pajjiż u huma xhieda ta' irregolaritajiet serji fl-użu li sar mill-fondi Ewropej fil-pajjiż u frodi sinifikanti fir-rigward tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.*** |

Or. it

**Emenda 96**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) wettaq 42 investigazzjoni fl-Ungerija, li 85 % minnhom irriżultaw*** |

| | |
|---|---|
| | ***f'rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji u finanzjarji li minnhom 33 % ġew segwiti mill-awtoritajiet nazzjonali Ungeriżi. L-OLAF iddenunzja fost l-oħrajn "irregolaritajiet serji", "kunflitti ta' interess" u semma "sistema ta' frodi organizzata" fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt pubbliku għal fanali tat-toroq iffinanzjat minn fondi Ewropej.*** |

Or. fr

**Emenda 97**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20b) L-Ungerija tilfet 19-il punt fl-Indiċi tal-Perċezzjoni tal-korruzzjoni ppubblikat minn Transparency International mill-2008, li jpoġġi lill-pajjiż fil-qiegħ tal-klassifika tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, meta l-Ungerija tibbenefika minn fondi Ewropej ekwivalenti għal 4.4 % tal-PDG tagħha, jiġifieri aktar min-nofs l-investiment pubbliku.*** |

Or. fr

**Emenda 98**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Péter Niedermüller, Kati Piri, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I, punt 20b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20b) Wara investigazzjoni ta' sentejn, l-OLAF sab "irregolaritajiet serji" fir-rigward ta' proġetti tal-infrastruttura kofinanzjati mill-fond ta' koeżjoni tal-UE u konnessi mal-iben tar-rispett tal-prim ministru Viktor Orban, li indika livelli għoljin kemm ta' korruzzjoni kif ukoll ta' kunflitt ta' interessi.*** |

Or. en

**Emenda 99**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20c) Diversi indikaturi juru livelli għoljin ta' kondotta ħażina rigward fondi tal-UE. Is-sehem tal-kuntratti mogħtija wara proċeduri għall-għoti ta' kuntratt li rċevew offerta waħda biss jibqa' għoli, b'perċentwal ta' 36 % fl-2016. L-Ungerija għandha l-ogħla perċentwal fl-Unjoni ta' 4.16 % ta' rakkomandazzjonijiet finanzjarji mill-OLAF fl-oqsma tal-Fondi Strutturali u l-Agrikoltura għall-perjodu 2013-2016 (li huwa 900 % ogħla mill-medja tal-UE). L-Ungerija ddeċidiet li ma tipparteċipax fl-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Josef Weidenholzer, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes**

**Bonnefoy, Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 20d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20d) Skont ir-Rapport dwar il-Kompetittività Globali tal-2017-2018, il-livell għoli ta' korruzzjoni kien wieħed mill-aktar fatturi problematiċi għan-negozju fl-Ungerija. Mill-2008, l-Ungerija niżlet b'19-il punt fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 101**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(21) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2016, Szabó and Vissy vs l-Ungerija, il-QEDB sabet li d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata nkiser minħabba l-garanziji legali insuffiċjenti kontra s-sorveljanza sigrieta illegali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, inkluż relatata mal-użu tat-telekomunikazzjonijiet. L-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti hija meħtieġa bħala miżura ġenerali. L-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza għadha, għalhekk, pendenti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 102**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

(21) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2016, Szabó and Vissy vs l-Ungerija, il-QEDB sabet li d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata nkiser minħabba l-garanziji legali insuffiċjenti kontra s-sorveljanza sigrieta illegali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, inkluż relatata mal-użu tat-telekomunikazzjonijiet. L-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti hija meħtieġa bħala miżura ġenerali. ***L-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza għadha, għalhekk, pendenti***.

*Emenda*

(21) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2016, Szabó and Vissy vs l-Ungerija, il-QEDB sabet li d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata nkiser minħabba l-garanziji legali insuffiċjenti kontra s-sorveljanza sigrieta illegali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, inkluż relatata mal-użu tat-telekomunikazzjonijiet. ***Madankollu, il-kawża ma kkonċernatx miżuri attwali ta' sorveljanza iżda l-possibbiltà tal-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri biss kienet biżżejjed biex jiġi stabbilit l-istatus ta' vittma tal-applikant fis-sens tal-Konvenzjoni.*** L-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti hija meħtieġa bħala miżura ġenerali ***u lanqas ma kien hemm dubju dwar il-ħtieġa għal emendi mill-Gvern Ungeriż***. ***Il-proposti għal emenda tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà Nazzjonali qed jiġu diskussi attwalment mill-esperti tal-ministeri kompetenti tal-Ungerija***.

Or. en

**Emenda 103**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

(21) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2016, Szabó and Vissy vs l-Ungerija, il-QEDB sabet li d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata nkiser minħabba l-garanziji legali insuffiċjenti kontra s-sorveljanza sigrieta illegali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, inkluż relatata mal-użu tat-telekomunikazzjonijiet. L-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti hija meħtieġa bħala miżura ġenerali. L-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza għadha, għalhekk, pendenti.

*Emenda*

(21) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2016, Szabó and Vissy vs l-Ungerija, il-QEDB sabet li d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata nkiser minħabba l-garanziji legali insuffiċjenti kontra s-sorveljanza sigrieta illegali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, inkluż relatata mal-użu tat-telekomunikazzjonijiet. L-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti hija meħtieġa bħala miżura ġenerali. ***Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jaderixxi mal-protezzjoni tad-dritt għall-privatezza taċ-***

| | |
|---|---|
| | ***ċittadini tiegħu sal-ogħla grad possibbli. Din is-sentenza tissuġġerixxi li l-Ungerija mhijiex qed tħares għalkollox l-obbligi tagħha lejn iċ-ċittadini tagħha.*** L-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza għadha, għalhekk, pendenti. |

Or. en

**Emenda 104**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(22) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-qafas legali tal-Ungerija dwar is-sorveljanza sigrieta għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali jippermetti l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa u ma fihx biżżejjed salvagwardji kontra l-interferenza arbitrarja fid-dritt għall-privatezza. Kien imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw rimedji effettivi f'każijiet ta' abbuż, u notifika lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iskop tar-restrizzjoni, wara t-terminazzjoni tal-miżura ta' sorveljanza.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal- | (22) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal- |

5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-qafas legali tal-Ungerija dwar is-sorveljanza sigrieta għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali jippermetti l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa u ma fihx biżżejjed salvagwardji kontra l-interferenza arbitrarja fid-dritt għall-privatezza. Kien imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw rimedji effettivi f'każijiet ta' abbuż, u notifika lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iskop tar-restrizzjoni, wara t-terminazzjoni tal-miżura ta' sorveljanza.

5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-qafas legali tal-Ungerija dwar is-sorveljanza sigrieta għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali jippermetti l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa u ma fihx biżżejjed salvagwardji kontra l-interferenza arbitrarja fid-dritt għall-privatezza***, billi t-tħassib dwar il-possibbiltà ta' "l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa" jirriżulta minn żball ta' fatt u nuqqas ta' ftehim tas-sitwazzjoni legali tal-Ungerija***. ***L-infrastruttura legali diġà eżistenti tiżgura l-kontroll estern indipendenti ta' attivitajiet ta' ġbir ta' informazzjoni sigrieta mwettqa minn servizzi tas-sigurtà nazzjonali. L-għodod legali xierqa pprovduti mill-Att dwar il-Privatezza jagħtu s-setgħa lill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (DPA) biex tidentifika l-ġbir illegali tal-informazzjoni sigrieta u biex tieħu azzjonijiet kontra l-ksur. Id-data miksuba matul l-investigazzjoni tad-DPA – inkluża informazzjoni nazzjonali kklassifikata – tista' tintuża mid-DPA fil-proċedimenti amministrattivi għall-protezzjoni tad-data, pereżempju, biex jiġi pprojbit l-ipproċessar illegali tad-data personali, biex jiġi ordnat it-tħassir tad-data pproċessata b'mod illegali, biex tiġi ordnata n-notifika tas-suġġetti tad-data kkonċernati f'każ li l-kontrollur tad-data rrifjuta li jinforma l-persuna affettwata b'mod illegali, u anke biex tiġi imposta multa. Il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU*** kien imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw rimedji effettivi f'każijiet ta' abbuż, u notifika lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iskop tar-restrizzjoni, wara t-terminazzjoni tal-miżura ta' sorveljanza. ***Madankollu, l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat ma kkunsidrawx l-għodda ta' reviżjoni sussegwenti mill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni f'każijiet ta'***

***ġbir ta' informazzjoni sigrieta.***

Or. en

**Emenda 106**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-qafas legali tal-Ungerija dwar is-sorveljanza sigrieta għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali jippermetti l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa u ma fihx biżżejjed salvagwardji kontra l-interferenza arbitrarja fid-dritt għall-privatezza. Kien imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw rimedji effettivi f'każijiet ta' abbuż, u notifika lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iskop tar-restrizzjoni, wara t-terminazzjoni tal-miżura ta' sorveljanza. | (22) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-qafas legali tal-Ungerija dwar is-sorveljanza sigrieta għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali jippermetti l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa u ma fihx biżżejjed salvagwardji kontra l-interferenza arbitrarja fid-dritt għall-privatezza. Kien imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw rimedji effettivi f'każijiet ta' abbuż, u notifika lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iskop tar-restrizzjoni, wara t-terminazzjoni tal-miżura ta' sorveljanza. ***F'konformità mas-sejbiet tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-organizzazzjoni Freedom House irrikonoxxiet xi żvilupp pożittiv fil-qasam tas-sorveljanza u l-privatezza fir-rapport tagħha tal-2017 Freedom on the Net (il-Libertà tal-Internet). Madankollu, jibqgħu u huma enfasizzati ħafna punti ta' tħassib fir-rigward tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data.*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Midja u dwar il-Midja tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa) tal-Ungerija, li talbet diversi bidliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Midja, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut tal-midja illegali", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-midja. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011, mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien kondiviż mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Il-Kummissarju semma wkoll il-kwistjonijiet tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja u tal-awtoċensura u indika li l-qafas legali li jikkriminalizza d-diffamazzjoni għandu jitħassar. | (23) Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Midja u dwar il-Midja tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa) tal-Ungerija, li talbet diversi bidliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Midja, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut tal-midja illegali", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-midja. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011, mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien kondiviż mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Il-Kummissarju semma wkoll il-kwistjonijiet tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja u tal-awtoċensura u indika li l-qafas legali li jikkriminalizza d-diffamazzjoni għandu jitħassar. ***B'kuntrast ma' dan, it-tibdil riċenti kollu tas-sjieda tal-midja seħħ fi ħdan il-qafas regolari tal-ekonomija tas-suq u d-dinamika tad-dritt ċivili. Meta jitqiesu l-funzjonament u s-salvagwardji legali u kostituzzjonali b'saħħithom tal-libertà tal-midja fl-Ungerija, ma hemm l-ebda opzjoni legali biex tiġi llimitata l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***libertà tal-midja.*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Midja u dwar il-Midja tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa) tal-Ungerija, li talbet diversi bidliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Midja, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut tal-midja illegali", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-midja. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011, mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien ***kondiviż mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem*** tal-Kunsill tal-Ewropa ***fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Il-Kummissarju semma wkoll il-kwistjonijiet tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja u tal-awtoċensura u indika li l-qafas legali li*** | (23) Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Midja u dwar il-Midja tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa) tal-Ungerija, li talbet diversi bidliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Midja, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut tal-midja illegali", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-midja. ***Billi fir-realtà, minn Lulju 2012, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa jippermettu lill-ġurnalisti jaħbu s-sorsi tal-informazzjoni tagħhom fi proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji f'konformità mal-istandards Ewropej, wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Ungeriża, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa.*** Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011, mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni |

| | |
|---|---|
| ***jikkriminalizza d-diffamazzjoni għandu jitħassar.*** | dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien ***indirizzat mill-Gvern Ungeriż, u bħala riżultat is-Segretarju Ġenerali*** tal-Kunsill tal-Ewropa ***kkonkluda fl-2013 li kienu ġew solvuti l-problemi fundamentali tal-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża.*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Midja u dwar il-Midja tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa) tal-Ungerija, li talbet diversi bidliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Midja, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut tal-midja illegali", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-midja. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011**,** mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011**,** kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien kondiviż mill-Kummissarju | (23) Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Midja u dwar il-Midja tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Midja tal-Massa) tal-Ungerija, li talbet diversi bidliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Midja, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut tal-midja illegali", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-midja. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011***;*** mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011***;*** kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien kondiviż mill-Kummissarju |

| | |
|---|---|
| għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Il-Kummissarju semma wkoll il-kwistjonijiet tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja u tal-awtoċensura u indika li l-qafas legali li jikkriminalizza d-diffamazzjoni għandu jitħassar. | għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Il-Kummissarju semma wkoll il-kwistjonijiet tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja u tal-awtoċensura u indika li l-qafas legali li jikkriminalizza d-diffamazzjoni għandu jitħassar. |

Or. en

**Emenda 110**
**Michał Boni, Heinz K. Becker, Carlos Coelho, Frank Engel, Jaromír Štětina**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Fir-rapport tagħha tal-2017 dwar il-libertà tal-istampa, l-organizzazzjoni Freedom House qajmet dubji serji dwar il-libertà tal-istampa fl-Ungerija. Dan minħabba li l-midja indipendenti tneħħiet b'mod furzat mis-suq, parzjalment permezz tal-akkwist ta' gazzetti reġjonali minn sidien affiljati tal-gvern u l-ħolqien ta' entitajiet privati favur il-gvern, kif ukoll l-għoti selettiv ta' kuntratti ta' reklamar mill-gvern u kumpaniji posseduti mill-istat, li jirriżulta biex l-entitajiet tal-midja indipendenti jiġu mċaħħda mill-introjtu. Is-suq tar-reklamar limitat u l-infiq estensiv tal-gvern fuq ir-reklamar soċjali jinkoraġġixxu lill-midja biex jevitaw suġġetti kontroversjali biex iżommu relazzjonijiet tajba ma' reklamaturi pubbliċi u privati.*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Michał Boni, Heinz K. Becker, Carlos Coelho, Frank Engel, Jaromír Štětina**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(23b) Kemm l-organizzazzjoni Freedom House fir-rapport tagħha tal-2017 kif ukoll Mertek Media Monitor josservaw li l-gvern ifittex ukoll li jikkontrolla l-midja permezz ta' allokazzjoni selettiva ta' frekwenzi tax-xandir bir-radju. Dan, flimkien mal-eżerċitar tal-influwenza tagħhom fuq xandara pubbliċi u ż-żieda tal-profil ta' entitajiet privati, iċaħħad lill-midja indipendenti milli jkollhom aċċess ġust għas-suq.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (24) Fl-Opinjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja, il-Kummissjoni ta' Venezja insistiet dwar il-ħtieġa li jinbidlu r-regoli li jirregolaw l-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill tal-Midja biex tiġi żgurata rappreżentazzjoni ġusta ta' gruppi politiċi u gruppi oħra soċjalment sinifikanti u li l-metodu tal-ħatra u l-pożizzjoni tal-President tal-Kunsill tal-Midja jew tal-President tal-Awtorità tal-Midja għandhom jiġu riveduti sabiex tonqos il-konċentrazzjoni tas-setgħat u tiġi żgurata n-newtralità politika; il-Bord Trustees ukoll għandu jiġi riformat fuq dawk il-linji. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat ukoll id-deċentralizzazzjoni tal-governanza tal-fornituri tal-midja tas-servizz pubbliku u li l-Aġenzija tal-Aħbarijiet Nazzjonali ma | (24) Fl-Opinjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar il-Leġiżlazzjoni dwar il-Midja, il-Kummissjoni ta' Venezja insistiet dwar il-ħtieġa li jinbidlu r-regoli li jirregolaw l-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill tal-Midja biex tiġi żgurata rappreżentazzjoni ġusta ta' gruppi politiċi u gruppi oħra soċjalment sinifikanti u li l-metodu tal-ħatra u l-pożizzjoni tal-President tal-Kunsill tal-Midja jew tal-President tal-Awtorità tal-Midja għandhom jiġu riveduti sabiex tonqos il-konċentrazzjoni tas-setgħat u tiġi żgurata n-newtralità politika; il-Bord Trustees ukoll għandu jiġi riformat fuq dawk il-linji. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat ukoll id-deċentralizzazzjoni tal-governanza tal-fornituri tal-midja tas-servizz pubbliku u li l-Aġenzija tal-Aħbarijiet Nazzjonali ma |

| | |
|---|---|
| tkunx il-fornitur esklużiv tal-aħbarijiet għall-fornituri tal-midja tas-servizz pubbliku. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011, mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien kondiviż ukoll mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. | tkunx il-fornitur esklużiv tal-aħbarijiet għall-fornituri tal-midja tas-servizz pubbliku. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja fi Frar 2011, mill-Kummissarju preċedenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-midja tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-midja Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Dan it-tħassib kien kondiviż ukoll mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. ***L-Awtorità tal-Midja tal-Ungerija, madankollu, hija aġenzija regolatorja awtonoma sottomessa biss għal-liġi, li l-President tagħha jinħatar mill-President tal-Ungerija, filwaqt li preċedentement kien jinħatar mill-Prim Ministru. Bħala pass ulterjuri lejn l-indipendenza tal-midja, il-membri tal-Kunsill tal-Midja (responsabbli għal kontenut tal-midja u l-libertà tal-istampa) huma eletti permezz ta' maġġoranza kwalifika tal-Parlament għal 9 snin.*** |

Or. en

**Emenda 113**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Kif ġie nnotat ukoll mill-Kummissjoni ta' Venezja fl-Opinjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2015, l-awtoritajiet Ungeriżi wieġbu għall-kritika minn korpi internazzjonali u NGOs. L-*** |

***ewwel nett, il-Qorti Kostituzzjonali annullat ċerti normi li jinstabu fil-"pakkett tal-midja" billi kienu kontra l-kostituzzjoni u talbet lill-Gvern jagħmel it-tibdil għad-dispożizzjonijiet li jappartjenu, b'mod partikolari, għar-regolamentazzjoni tal-kontenut tal-midja u l-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti. It-tieni, bejn l-2011 u l-2012, il-"pakkett tal-midja" ġie soġġett għal reviżjoni. Iżda, ħafna osservaturi domestiċi u internazzjonali ma kinux sodisfatti b'dawk ir-riformi. Intqal li l-emendi kienu frammentati u ma kinux jindirizzaw il-problemi ewlenin li ġew identifikati qabel. Il-Gvern Ungeriż, min-naħa tiegħu, iddefenda l-pożizzjonijiet tagħhom, filwaqt li rrefera għall-eżempji ta' regolamenti simili fi Stati Ewropej oħra. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet ukoll l-isforzi tal-gvern Ungeriż, matul is-snin, biex jittejjeb it-test oriġinali tal-Atti dwar il-Midja, f'konformità ma' kummenti minn diversi osservaturi inkluż il-Kunsill tal-Ewropa, u nnota b'mod pożittiv ir-rieda tal-awtoritajiet Ungeriżi biex ikomplu bid-djalogu.***

Or. en

**Emenda 114**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 24b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24b) Għandu jiġu nnotat ukoll li l-maġġoranza vasta tar-regoli kritikati b'mod wiesa' tal-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar il-midja (eż. il-kontenut tal-midja illegali, il-kopertura bbilanċjata tal-aħbarijiet, is-sanzjonijiet, id-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali dwar id-diffamazzjoni) ma ġewx inventati wara l-2010, iżda kienu diġà jeżistu ħafna qabel*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-2010 u daħlu fis-seħħ b'mod sostanzjali wkoll fid-data tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-UE. Fil-fatt, ir-reviżjoni ta' wara l-2010 tal-liġijiet Ungeriżi dwar il-midja li jmorru lura għall-1995 u anke parzjalment għall-1986 kienu mmirati lejn il-protezzjoni aħjar tal-libertà ta' espressjoni editorjali u ġurnalistika u l-indipendenza tal-Awtorità tal-Midja aktar milli kienu l-liġijiet preċedenti. Barra minn hekk, bħala konsegwenza ta' djalogi kontinwi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u istituzzjonijiet tal-UE, il-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar il-midja kompliet tittejjeb wara l-adozzjoni oriġinali tagħha tal-2010. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tad-29 ta' Jannar 2013, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa laqa' l-fatt li d-diskussjonijiet fil-qasam tal-midja wasslu għal diversi bidliet importanti li ntlaħaq qbil dwarhom, b'mod partikolari dwar il-mandat, in-nomina u l-ħatra tal-President tal-Awtorità tal-Midja Nazzjonali u l-President tal-Kunsill tal-Midja, kif ukoll ir-regolamentazzjoni tat-televiżjoni u l-kontenut tar-radju. Is-Segretarju Ġenerali żied ukoll li l-protezzjoni ta' sorsi ġurnalistiċi kienet diġà ssaħħet.*** |

Or. en

**Emenda 115**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(25) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CXII tal-2011 dwar il-Privatezza tal-Informazzjoni u dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Ungerija. Minkejja l-valutazzjoni pożittiva*** | ***imħassar*** |

***ġenerali, il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-ħtieġa għal aktar titjib. Madankollu, wara emendi sussegwenti għal dik il-liġi, id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni tal-gvern ġie ristrett b'mod aktar sinifikanti. Dawk l-emendi ġew ikkritikati fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja f'Marzu 2016.***

Or. en

**Emenda 116**
**Michał Boni, Carlos Coelho, Frank Engel, Jaromír Štětina**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (25) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CXII tal-2011 dwar il-Privatezza tal-Informazzjoni u dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Ungerija. Minkejja l-valutazzjoni pożittiva ġenerali, il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-ħtieġa għal aktar titjib. Madankollu, wara emendi sussegwenti għal dik il-liġi, id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni tal-gvern ġie ristrett b'mod aktar sinifikanti. Dawk l-emendi ġew ikkritikati fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja f'Marzu 2016. | (25) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CXII tal-2011 dwar il-Privatezza tal-Informazzjoni u dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Ungerija. Minkejja l-valutazzjoni pożittiva ġenerali, il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-ħtieġa għal aktar titjib. Madankollu, wara emendi sussegwenti għal dik il-liġi, id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni tal-gvern ġie ristrett b'mod aktar sinifikanti. Dawk l-emendi ġew ikkritikati fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja f'Marzu 2016. ***Barra minn hekk, fir-rapport mill-missjoni biex jiġi vvalutat l-ambjent ta' qabel l-elezzjoni u t-tħejjijiet għall-elezzjonijiet, imwettqa mid-29 ta' Jannar sal-1 ta' Frar 2018, l-Uffiċċju OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem innota li l-emendi tal-2016 għall-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni ġabu tibdil restrittiv, inkluża l-introduzzjoni ta' tariffi għoljin għall-ispejjeż assoċjati mal-ġestjoni ta' talbiet għal informazzjoni, u raġunijiet ġodda għar-rifjut li wieħed*** |

*iwieġeb għat-talbiet.*

Or. en

**Emenda 117**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CXII tal-2011 dwar il-Privatezza tal-Informazzjoni u dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Ungerija. Minkejja l-valutazzjoni pożittiva ġenerali, il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-ħtieġa għal aktar titjib. Madankollu, wara emendi sussegwenti għal dik il-liġi***, id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni tal-gvern ġie ristrett b'mod aktar sinifikanti.*** Dawk l-emendi ġew ikkritikati fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja f'Marzu 2016. | (25) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CXII tal-2011 dwar il-Privatezza tal-Informazzjoni u dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Ungerija. Minkejja l-valutazzjoni pożittiva ġenerali, il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-ħtieġa għal aktar titjib. Madankollu, wara emendi sussegwenti għal dik il-liġi dawk l-emendi ġew ikkritikati fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja f'Marzu 2016. ***Ir-rapport jirrikonoxxi, madankollu, li t-tibdil definit mill-Att Ungeriż għal spejjeż diretti ta' talbiet għal informazzjoni jidher li huwa raġonevoli għalkollox u jirrifletti spejjeż reali. L-Ungerija tirrikonoxxi l-importanza ta' aċċess għal informazzjoni pubblika bħala mezz biex tiġi pprovduta t-trasparenza fis-settur tal-gvern u l-emendi għall-Att joħolqu bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data u l-interessi u d-drittijiet tal-kontrolluri tad-data, rispettivament.*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(25a) Minkejja dan, għandu jiġu nnotat li t-test oriġinali tal-Att CXII tal-2011 ippreveda possibbiltajiet b'ambitu aktar wiesa' għall-eżerċitar tad-dritt ta' aċċess għal informazzjoni pubblika. Il-limitazzjonijiet sussegwenti għalih, immirati lejn il-ħolqien ta' bilanċ neċessarju u proporzjonat bejn id-drittijiet tal-applikanti u l-interessi tal-kontrolluri tad-data, ma kinux jikkonċernaw l-essenza tad-dritt ta' aċċess għal informazzjoni. Kif kien rikonoxxut ukoll mir-rapport tal-pajjiżi tal-2018 tal-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data ħadet pożizzjoni progressiva f'każijiet relatati mat-trasparenza kif għamlu wkoll il-qrati kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, li ġeneralment jiddeċiedu favur l-aċċess pubbliku għal informazzjoni. Dan juri wkoll li problemi serji jew sistemiċi ma jistgħux jiġu identifikati fis-sistema legali Ungeriża.*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(25a) L-Ungerija tilfet ukoll żewġ pożizzjonijiet fil-klassifika dinjija tal-2018 tal-Libertà tal-Istampa tar-Reporters Mingħajr Fruntieri (RWB) li jpoġġuha fit-73 pożizzjoni meta fl-2011 kienet fl-40 pożizzjoni.*** |

Or. fr

**Emenda 120**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għall-elezzjonijiet parlamentari Ungeriżi tal-2018 ikkonkludiet li l-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll il-libertajiet tal-midja u ta' assoċjazzjoni ġew ristretti, inkluż permezz ta' tibdil legali reċenti u li l-kopertura tal-midja tal-kampanja kienet estensiva, iżda ferm polarizzata u nieqsa mill-analiżi kritika. Innotat ukoll li l-politiċizzazzjoni tas-sjieda, flimkien ma' qafas legali restrittiv, kellhom effett ta' ffriżar fuq il-libertà editorjali, li fixkel l-aċċess tal-votanti għall-informazzjoni pluralistika. | (26) Fid-dikjarazzjoni tagħha ***tar-riżultati u l-konklużjonijiet preliminari*** adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għall-elezzjonijiet parlamentari Ungeriżi tal-2018 ikkonkludiet li l-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll il-libertajiet tal-midja u ta' assoċjazzjoni ġew ristretti, inkluż permezz ta' tibdil legali reċenti u li l-kopertura tal-midja tal-kampanja kienet estensiva, iżda ferm polarizzata u nieqsa mill-analiżi kritika. Innotat ukoll li l-politiċizzazzjoni tas-sjieda, flimkien ma' qafas legali restrittiv, kellhom effett ta' ffriżar fuq il-libertà editorjali, li fixkel l-aċċess tal-votanti għall-informazzjoni pluralistika. ***B'kuntrast ma' dan, il-midja tal-oppożizzjoni f'daqqa tilħaq pubbliku konsiderevolment usa' fl-Ungerija minn entitajiet tal-midja favur il-gvern. Is-sjieda u l-ispettru politiku tal-midja Ungeriża huma aktar diversi, u l-libertà tal-istampa hija aktar prevalenti milli fil-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent; huwa possibbli li d-diversità tax-xenarju tal-midja Ungeriża ntweriet l-aħjar mill-fatt li l-parti l-kbira tal-entitajiet tal-midja Ungeriża mexxew kampanja b'mod attiv kontra l-alleanza Fidesz-KDNP ferm qabel l-elezzjonijiet tat-8 ta' April.*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għall-elezzjonijiet parlamentari Ungeriżi tal-2018 ikkonkludiet li l-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll il-libertajiet tal-midja u ta' assoċjazzjoni ġew ristretti, inkluż permezz ta' tibdil legali reċenti u li l-kopertura tal-midja tal-kampanja kienet estensiva, iżda ferm polarizzata u nieqsa mill-analiżi kritika. Innotat ukoll li l-politiċizzazzjoni tas-sjieda, flimkien ma' qafas legali restrittiv, kellhom effett ta' ffriżar fuq il-libertà editorjali, li fixkel l-aċċess tal-votanti għall-informazzjoni pluralistika. | (26) Fid-dikjarazzjoni tagħha adottata fid-9 ta' April 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għall-elezzjonijiet parlamentari Ungeriżi tal-2018 ikkonkludiet li l-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll il-libertajiet tal-midja u ta' assoċjazzjoni ġew ristretti, inkluż permezz ta' tibdil legali reċenti u li l-kopertura tal-midja tal-kampanja kienet estensiva, iżda ferm polarizzata u nieqsa mill-analiżi kritika. Innotat ukoll li l-politiċizzazzjoni tas-sjieda, flimkien ma' qafas legali restrittiv, kellhom effett ta' ffriżar fuq il-libertà editorjali, li fixkel l-aċċess tal-votanti għall-informazzjoni pluralistika***, li min-naħa tiegħu kkontribwixxa għal atmosfera ferm preġudikata, fejn il-popolazzjoni ġenerali ġiet żgwidata biex tiffavorixxi l-partit fil-gvern***. ***Ġie konkluż li dan huwa f'kontradizzjoni mal-istandards internazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Madankollu, min-naħa l-oħra, ir-riżultati u l-konklużjonijiet preliminari tal-OSKE nnotaw ukoll fil-kuntest tal-elezzjonijiet parlamentari Ungeriżi tal-2018 li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kienu rrispettati b'mod ġenerali, il-kampanja kienet animata, il-kopertura tal-midja kienet estensiva, il-*** |

***votanti kellhom firxa wiesgħa ta' opinjonijiet politiċi, ix-xandar pubbliku ssodisfa l-mandat tiegħu li jipprovdu ħin ta' xandir mingħajr ħlas lill-kuntestanti, u l-midja online pprovdiet pjattaforma għal dibattitu politiku pluralistiku u orjentat lejn il-kwistjoni. L-OSKE żiedet ukoll li l-qafas legali elettorali fforma bażi adegwata għal elezzjonijiet demokratiċi, id-dritt li wieħed ifittex rimedju effettiv għal ksur elettorali kien inklużiv u rrispettat b'mod ġenerali, u l-amministrazzjoni elettorali ssodisfat il-mandat tagħha b'mod professjonali u trasparenti u gawdiet il-fiduċja ġenerali fost il-partijiet ikkonċernati.***

Or. en

**Emenda 123**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-liġijiet u l-prattiki dwar il-midja tal-Ungerija li jillimitaw il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. Kien imħasseb li, wara tibdil suċċessiv fil-liġi, il-qafas leġiżlattiv attwali ma jiżgurax bis-sħiħ stampa mhux iċċensurata u mhux imfixkla. Innota bi tħassib li l-Kunsill tal-Midja u l-Awtorità tal-Midja huma nieqsa minn indipendenza suffiċjenti biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom u għandhom setgħat regolatorji u ta' sanzjonar wiesgħa wisq. | (27) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-liġijiet u l-prattiki dwar il-midja tal-Ungerija li jillimitaw il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. Kien imħasseb li, wara tibdil suċċessiv fil-liġi, il-qafas leġiżlattiv attwali ma jiżgurax bis-sħiħ stampa mhux iċċensurata u mhux imfixkla. Innota bi tħassib li l-Kunsill tal-Midja u l-Awtorità tal-Midja huma nieqsa minn indipendenza suffiċjenti biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom u għandhom setgħat regolatorji u ta' sanzjonar wiesgħa wisq. ***Madankollu, jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet meta jinkisru r-regoli dwar l-amministrazzjoni tal-midja u penali monetarji serji jistgħu jiġu imposti biss f'każ ta' ksur rikorrenti u l-Kunsill tal-Midja għandu jqis ukoll il-prinċipji tal-gradwalità u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***proporzjonalità. L-ammont tal-penali huwa limitat ukoll u hemm rimedji legali xierqa kontra l-penali.*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Michał Boni, Carlos Coelho, Frank Engel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 27a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27a) Fis-7 ta' Mejju 2018, ir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja esprima tħassib kbir dwar iċ-ċaħda ta' akkreditament lil diversi ġurnalisti indipendenti, li waqqfithom milli jirrapportaw mil-laqgħa inawgurali tal-parlament il-ġdid tal-Ungerija. Ġie nnotat ukoll li jenħtieġ li dan l-avveniment ma jintużax bħala għodda biex jitrażżan il-kontenut tar-rapportar kritiku u li din il-prattika tistabbilixxi preċedent ħażin għall-mandat il-ġdid tal-parlament Ungeriż.*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 27a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27a) Fit-13 ta' April 2018, ir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja kkundanna b'mod qawwi l-pubblikazzjoni ta' lista ta' aktar minn 200 persuna minn entità tal-midja Ungeriża li ddikjarat li aktar minn 2 000 persuna, inkluż dawk elenkati bl-*** |

***isem, allegatament qed jaħdmu biex "iwaqqgħu lill-gvern". Il-lista ġiet ippubblikata mir-rivista Ungeriża Figyelő fil-11 ta' April, u tinkludi ħafna ġurnalisti kif ukoll ċittadini oħra.***

Or. en

**Emenda 126**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I, punt 27b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27b) Fl-4 ta' Mejju 2018, tliet ġurnalisti rċevew notifika mill-uffiċċju tal-istampa tal-parlament Ungeriż, fejn ġew infurmati li t-talba għall-akkreditament tagħhom biex jirrapportaw mil-laqgħa inawgurali tal-parlament il-ġdid tal-Ungerija fit-8 ta' Mejju ġiet miċħuda. Fis-7 ta' Mejju, ir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja esprima tħassib dwar iċ-ċaħda tal-akkreditament lill-ġurnalisti, filwaqt li nnota li t-tliet entitajiet tal-midja jitqiesu bħala kritiċi lejn il-ħidma tal-gvern.*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att XXV tal-4 ta' April 2017 dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali. Hija | (28) Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att XXV tal-4 ta' April 2017 dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali. Hija |

kkonkludiet li l-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti mingħajr raġunijiet b'saħħithom ħafna, flimkien ma' skadenzi stretti u konsegwenzi legali serji, għall-universitajiet barranin li huma diġà stabbiliti fl-Ungerija u li ilhom joperaw legalment hemmhekk għal ħafna snin, tidher estremament problematika mill-perspettiva tal-istat tad-dritt u minn dik tal-prinċipji u l-garanziji tad-drittijiet fundamentali. Dawk l-universitajiet u l-istudenti tagħhom huma protetti mir-regoli domestiċi u internazzjonali dwar il-libertà akkademika, il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda u d-dritt għal, u l-libertà tal-edukazzjoni. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat li l-awtoritajiet Ungeriżi, b'mod partikolari, jiżguraw li r-regoli l-ġodda dwar ir-rekwiżit li jkollhom permess tax-xogħol ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat il-libertà akkademika u jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u flessibbli, mingħajr ma tiġi pperikolata l-kwalità u l-karattru internazzjonali tal-edukazzjoni diġà pprovduta mill-universitajiet eżistenti. It-tħassib dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali kien kondiviż ukoll mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, dwar id-drittijiet għal-libertà tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u dwar id-drittijiet kulturali fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-11 ta' April 2017. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll fuq il-libertà akkademika.

kkonkludiet li l-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti mingħajr raġunijiet b'saħħithom ħafna, flimkien ma' skadenzi stretti u konsegwenzi legali serji, għall-universitajiet barranin li huma diġà stabbiliti fl-Ungerija u li ilhom joperaw legalment hemmhekk għal ħafna snin, tidher estremament problematika mill-perspettiva tal-istat tad-dritt u minn dik tal-prinċipji u l-garanziji tad-drittijiet fundamentali. Dawk l-universitajiet u l-istudenti tagħhom huma protetti mir-regoli domestiċi u internazzjonali dwar il-libertà akkademika, il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda u d-dritt għal, u l-libertà tal-edukazzjoni. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat li l-awtoritajiet Ungeriżi, b'mod partikolari, jiżguraw li r-regoli l-ġodda dwar ir-rekwiżit li jkollhom permess tax-xogħol ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat il-libertà akkademika u jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u flessibbli, mingħajr ma tiġi pperikolata l-kwalità u l-karattru internazzjonali tal-edukazzjoni diġà pprovduta mill-universitajiet eżistenti. It-tħassib dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali kien kondiviż ukoll mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, dwar id-drittijiet għal-libertà tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u dwar id-drittijiet kulturali fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-11 ta' April 2017. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll fuq il-libertà akkademika. ***Madankollu, l-emendi leġiżlattivi kkritikati ma jaffettwawx il-libertà tal-ħsieb jew ta' espressjoni, jew libertà artistika u akkademika. Il-Kummissjoni Ewropea nnifisha ddikjarat ukoll li mhuwiex mingħajr preċedent li l-Istati Membri tal-UE jippromulgaw rekwiżiti legali speċjali għal istituzzjonijiet***

| | |
|---|---|
| | ***ta' edukazzjoni għolja bi kwartieri ġenerali f'pajjiż barrani; l-Iżvezja, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, in-Netherlands u l-Greċja, jew Stati multipli tal-Ġermanja għandhom regoli ħafna aktar stretti f'ħafna aspetti mil-liġi Ungeriża l-ġdida.*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att XXV tal-4 ta' April 2017 dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali. Hija kkonkludiet li l-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti mingħajr raġunijiet b'saħħithom ħafna, flimkien ma' skadenzi stretti u konsegwenzi legali serji, għall-universitajiet barranin li huma diġà stabbiliti fl-Ungerija u li ilhom joperaw legalment hemmhekk għal ħafna snin, tidher estremament problematika mill-perspettiva tal-istat tad-dritt u minn dik tal-prinċipji u l-garanziji tad-drittijiet fundamentali. ***Dawk l-universitajiet u l-istudenti tagħhom huma protetti mir-regoli domestiċi u internazzjonali dwar il-libertà akkademika, il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda u d-dritt għal, u l-libertà tal-edukazzjoni. Il-Kummissjoni*** ta' ***Venezja rrakkomandat li l-awtoritajiet Ungeriżi, b'mod partikolari, jiżguraw li r-regoli l-ġodda dwar ir-rekwiżit li jkollhom permess tax-xogħol ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat il-libertà akkademika u jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u flessibbli, mingħajr ma tiġi pperikolata l-kwalità u l-karattru internazzjonali tal-*** | (28) Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att XXV tal-4 ta' April 2017 dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali. ***Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ta' Venezja sabet li l-Istati għandhom spazju għal manuvra f'dak li jirrigwardja r-regolamentazzjoni tal-kundizzjonijiet operazzjonali għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja. Il-korp enfasizza wkoll li huwa għan leġittimu li tiġi pprovduta aktar trasparenza sabiex tiġi ggarantita edukazzjoni ta' kwalità u biex jiġu protetti l-istudenti futuri. L-opinjoni rrikonoxxiet ukoll li xi Stati bl-ebda mod ma jippermettu lill-universitajiet barranin joperaw, u barra minn hekk, li l-Ungerija għandha d-dritt li toħloq u tirrevedi ir-regolamentazzjoni dwar istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li qed joperaw fit-territorju tagħha.*** Hija kkonkludiet li l-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti mingħajr raġunijiet b'saħħithom ħafna, flimkien ma' skadenzi stretti u konsegwenzi legali serji, għall-universitajiet barranin li huma diġà stabbiliti fl-Ungerija u li ilhom joperaw legalment hemmhekk għal ħafna snin, |

***edukazzjoni diġà pprovduta mill-universitajiet eżistenti. It-tħassib dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali kien kondiviż ukoll mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, dwar id-drittijiet għal-libertà tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u dwar id-drittijiet kulturali fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-11 ta' April 2017. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll fuq il-libertà akkademika.***

tidher estremament problematika mill-perspettiva tal-istat tad-dritt u minn dik tal-prinċipji u l-garanziji tad-drittijiet fundamentali. ***Fl-istess ħin, il-leġiżlazzjoni ma tistax tiddistingwi bejn istituzzjonijiet passati u futuri, iżda trid tiġi stabbilita skadenza xierqa biex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet. Mhux biss ikun diskriminatorju jekk is-sistema introdotta*** ta' ***kundizzjonalitajiet tkun tapplika biss għal istituzzjonijiet ġodda, iżda din fil-fatt tipprevjeni t-trasparenza.***

Or. en

**Emenda 129**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 29**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Parlament Ungeriż estenda l-iskadenza għall-universitajiet barranin li joperaw fil-pajjiż biex jilħqu l-kriterji l-ġodda sal-1 ta' Jannar 2019. In-negozjati bejn il-Gvern Ungeriż u l-istituzzjonijiet barranin ta' edukazzjoni għolja milquta, b'mod partikolari, l-Università tal-Ewropa Ċentrali, għadhom għaddejjin, ***filwaqt li l-universitajiet*** barranin ***għadhom f'limbu legali***. | (29) Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Parlament Ungeriż estenda l-iskadenza għall-universitajiet barranin li joperaw fil-pajjiż biex jilħqu l-kriterji l-ġodda sal-1 ta' Jannar 2019 ***bit-talba espliċita tal-istituzzjonijiet ikkonċernati u wara r-rakkomandazzjoni tal-Presidenza tal-Konferenza tar-Retturi Ungeriżi; il-Kummissjoni ta' Venezja laqgħet b'mod espliċitu l-estensjoni tad-data ta' skadenza fl-opinjoni relatata tagħha***. In-negozjati bejn il-Gvern Ungeriż u l-istituzzjonijiet barranin ta' edukazzjoni għolja milquta, b'mod partikolari, l-Università tal-Ewropa Ċentrali, għadhom għaddejjin ***madankollu, il-konklużjoni mgħaġġla u bla xkiel tal-ftehimiet bejn l-Ungerija u l-imsieħba Tajlandiżi, Ċiniżi u – b'eċċezzjoni waħda*** |

*– l-Amerikani tagħha turi li l-leġiżlazzjoni l-ġdida ma timponix kundizzjonijiet impossibbli fuq istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja* barranin ***u li l-emenda ma tipperikolax il-libertà tal-edukazzjoni għolja***.

Or. en

**Emenda 130**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Kati Piri, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 29**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Parlament Ungeriż estenda l-iskadenza għall-universitajiet barranin li joperaw fil-pajjiż biex jilħqu l-kriterji l-ġodda sal-1 ta' Jannar 2019. In-negozjati bejn il-Gvern Ungeriż u l-istituzzjonijiet barranin ta' edukazzjoni għolja milquta, b'mod partikolari, l-Università tal-Ewropa Ċentrali, għadhom għaddejjin, filwaqt li l-limbu legali għall-universitajiet barranin jibqa'. | (29) Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Parlament Ungeriż estenda l-iskadenza għall-universitajiet barranin li joperaw fil-pajjiż biex jilħqu l-kriterji l-ġodda sal-1 ta' Jannar 2019. In-negozjati bejn il-Gvern Ungeriż u l-istituzzjonijiet barranin ta' edukazzjoni għolja milquta, b'mod partikolari, l-Università tal-Ewropa Ċentrali, għadhom għaddejjin, filwaqt li l-limbu legali għall-universitajiet barranin jibqa'. ***Jinnota li l-Università tal-Ewropa Ċentrali kkonformat mar-rekwiżiti l-ġodda imposti mill-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali fi żmien dovut, iżda l-Gvern Ungeriż qed iżomm lura milli jiffirma l-ftehim milħuq.*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 30**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttella' lill-Ungerija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għar-raġuni li l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali tillimita b'mod sproporzjonat kemm lill-universitajiet tal-Unjoni kif ukoll lil dawk mhux tal-Unjoni fl-operazzjonijiet tagħhom u li l-Att hemm bżonn li jerġa' jiġi allinjat mad-dritt tal-Unjoni. ***Il-Kummissjoni sabet li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tmur kontra d-dritt tal-libertà akkademika, id-dritt għall-edukazzjoni u l-libertà*** ta' ***intrapriża kif previsti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*** tal-Unjoni ***Ewropea (il-"Karta") u l-obbligi legali tal-Unjoni taħt il-liġi kummerċjali internazzjonali***. | (30) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttella' lill-Ungerija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għar-raġuni li l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali tillimita b'mod sproporzjonat kemm lill-universitajiet tal-Unjoni kif ukoll lil dawk mhux tal-Unjoni fl-operazzjonijiet tagħhom u li l-Att hemm bżonn li jerġa' jiġi allinjat mad-dritt tal-Unjoni. ***Matul il-proċedura*** ta' ***ksur, il-Kummissjoni imponiet skadenzi ħafna aktar qosra fuq l-Ungerija mill-iskadenza standard ta' deċennju u rrifjutat it-talbiet Ungeriżi għall-estensjoni tal-iskadenza, filwaqt li mminat b'mod serju d-dritt tal-Ungerija għad-difiża. Il-Kummissjoni ma ġġustifikatx l-iskadenzi li kienu aktar qosra mis-soltu, iżda sempliċement irreferiet għan-"natura speċifika tal-każ" fl-appell tagħha, mingħajr ma spjegat għalxiex jirreferi eżattament it-terminu. Madankollu, il-proċedura għadha pendenti u fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biex tistabbilixxi jekk l-Ungerija kisritx id-dritt*** tal-Unjoni ***jew le***. ***Dan jikkontradixxi l-prinċipji legali u kostituzzjonali bażiċi biex tiġi preġudikata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.*** |

Or. en

**Emenda 132**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 31**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l-*** | ***imħassar*** |

***Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att ċaħħad ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi mill-personalità ġuridika u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa qasam it-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali, il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja, li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le.***

Or. en

**Emenda 133**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 31**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l- | (31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l- |

Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att ***ċaħħad*** ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi ***mill-personalità ġuridika*** u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012***, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali,*** il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja, li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le.

Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att ***irreveda l-personalità ġuridika ta'*** ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14 ***f'konformità mal-prattiki tal-Istati Membri tal-UE, li l-maġġoranza tagħhom jagħmlu distinzjoni ċara bejn l-istatus legali ta' knejjes storiċi u l-istatus ta' denominazzjonijiet oħra***. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012 il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja, li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le. ***B'kuntrast ma' dan, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati li joħolqu diversi kategoriji legali għal komunitajiet reliġjużi, bl-uniku prerekwiżit li xi tip ta' forma ġuridika għandha tkun disponibbli mingħajr ostakolu.***

Or. en

**Emenda 134**
**Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar,**

**Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 31**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l-Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att ċaħħad ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi mill-personalità ġuridika u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali, il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja, li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le. | (31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l-Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att***, li ġie adottat fit-30 ta' Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012,*** ċaħħad ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi mill-personalità ġuridika u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali, il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja, li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le. |

Or. en

**Emenda 135**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 31**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

(31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l-Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att ċaħħad ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi mill-personalità ġuridika u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali, il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja, li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le.

*Emenda*

(31) Fl-2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l-Istatus Legali tal-Knejjes, id-Denominazzjonijiet u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija. L-Att ċaħħad ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi mill-personalità ġuridika u naqqas in-numru ta' knejjes legalment rikonoxxuti fl-Ungerija għal 14. Fis-16 ta' Diċembru 2011 il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali, il-Parlament Ungeriż espanda n-numru ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja***. Barra minn hekk**, **hija indikat*** li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux ugwali u anke diskriminatorju ta' twemmin reliġjuż differenti u ta' komunitajiet, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le.

Or. en

**Emenda 136**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(32) Fi Frar 2013, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija ddeċidiet li d-dereġistrazzjoni ta' knejjes rikonoxxuti ma kinitx kostituzzjonali. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Parlament Ungeriż emenda l-Liġi Fundamentali f'Marzu 2013. F'Ġunju u f'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda l-Att CCVI tal-2011, biex joħloq klassifikazzjoni b'żewġ livelli li tikkonsisti minn "komunitajiet reliġjużi" u "knejjes inkorporati". F'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda wkoll il-Liġi Fundamentali b'mod espliċitu biex jagħti lilu nnifsu l-awtorità li jagħżel komunitajiet reliġjużi għal "kooperazzjoni" mal-istat fis-servizz ta' "attivitajiet ta' interess pubbliku".*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Fi Frar 2013, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija ddeċidiet li d-dereġistrazzjoni ta' knejjes rikonoxxuti ma kinitx kostituzzjonali. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Parlament Ungeriż emenda l-Liġi Fundamentali f'Marzu 2013. F'Ġunju u f'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda l-Att CCVI tal-2011, biex joħloq klassifikazzjoni b'żewġ livelli li tikkonsisti | (32) Fi Frar 2013, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija ddeċidiet li d-dereġistrazzjoni ta' knejjes rikonoxxuti ma kinitx kostituzzjonali. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Parlament Ungeriż emenda l-Liġi Fundamentali f'Marzu 2013. F'Ġunju u f'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda l-Att CCVI tal-2011, biex joħloq klassifikazzjoni b'żewġ livelli li tikkonsisti |

| | |
|---|---|
| minn "komunitajiet reliġjużi" u "knejjes inkorporati". F'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda wkoll il-Liġi Fundamentali b'mod espliċitu biex jagħti lilu nnifsu l-awtorità li jagħżel komunitajiet reliġjużi għal "kooperazzjoni" mal-istat fis-servizz ta' "attivitajiet ta' interess pubbliku". | minn "komunitajiet reliġjużi" u "knejjes inkorporati". F'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda wkoll il-Liġi Fundamentali b'mod espliċitu biex jagħti lilu nnifsu l-awtorità li jagħżel komunitajiet reliġjużi għal "kooperazzjoni" mal-istat fis-servizz ta' "attivitajiet ta' interess pubbliku". ***Id-dispożizzjoni taċċerta li l-istat ikollu l-possibbiltà li jagħti lill-organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet reliġjużi l-istatus speċjali ta' "knisja". Il-komunità reliġjuża rrikonoxxuta mill-Parlament bħala "knisja" tiffunzjona bħala entità taħt il-liġi pubblika, filwaqt li l-"organizzazzjoni li qed twettaq attività reliġjuża" hija assoċjazzjoni taħt il-liġi privata. Ir-regoli tal-għoti tal-istatus ta' entità taħt il-liġi pubblika huma aktar stretti minn dawk ta' entitajiet taħt il-liġi privata. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jagħmlu distinzjoni ċara bejn l-istatus legali ta' knejjes storiċi u l-istatus ta' denominazzjonijiet oħra u hemm diversi forom ġuridiċi għal din id-distinzjoni. F'diversi Stati Membri, xi knejjes huma elenkati fil-kostituzzjoni, filwaqt li oħrajn huma soġġetti għal regolamenti separati jew xi status "sui generis" differenti pprovdut għalihom. Il-ġurisprudenza tal-QEDB tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati li joħolqu diversi kategoriji legali għal komunitajiet reliġjużi, li l-prerekwiżit bażiku tiegħu huwa li xi tip ta' forma ġuridika għandha tkun disponibbli mingħajr ostakoli.*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Michał Boni, Carlos Coelho, Frank Engel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Fi Frar 2013, il-Qorti | (32) Fi Frar 2013, il-Qorti |

| | |
|---|---|
| Kostituzzjonali tal-Ungerija ddeċidiet li d-dereġistrazzjoni ta' knejjes rikonoxxuti ma kinitx kostituzzjonali. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Parlament Ungeriż emenda l-Liġi Fundamentali f'Marzu 2013. F'Ġunju u f'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda l-Att CCVI tal-2011, biex joħloq klassifikazzjoni b'żewġ livelli li tikkonsisti minn "komunitajiet reliġjużi" u "knejjes inkorporati". F'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda wkoll il-Liġi Fundamentali b'mod espliċitu biex jagħti lilu nnifsu l-awtorità li jagħżel komunitajiet reliġjużi għal "kooperazzjoni" mal-istat fis-servizz ta' "attivitajiet ta' interess pubbliku". | Kostituzzjonali tal-Ungerija ddeċidiet li d-dereġistrazzjoni ta' knejjes rikonoxxuti ma kinitx kostituzzjonali. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Parlament Ungeriż emenda l-Liġi Fundamentali f'Marzu 2013. F'Ġunju u f'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda l-Att CCVI tal-2011, biex joħloq klassifikazzjoni b'żewġ livelli li tikkonsisti minn "komunitajiet reliġjużi" u "knejjes inkorporati". F'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda wkoll il-Liġi Fundamentali b'mod espliċitu biex jagħti lilu nnifsu l-awtorità li jagħżel komunitajiet reliġjużi għal "kooperazzjoni" mal-istat fis-servizz ta' "attivitajiet ta' interess pubbliku"***, fil-prattika jagħti lilu nnifsu s-setgħa diskrezzjonali biex jirrikonoxxi organizzazzjoni reliġjuża, b'vot ta' żewġ terzi, aktar milli jiddependi fuq deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni jew tal-qrati***. |

Or. en

**Emenda 139**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 33**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(33) Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' April 2014, Magyar Keresztény Mennonita Egyház and Others vs l-Ungerija, il-QEDB iddeċidiet li l-Ungerija kienet kisret il-libertà tal-assoċjazzjoni, fid-dawl tal-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 33**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' April 2014, Magyar Keresztény Mennonita Egyház and Others vs l-Ungerija, il-QEDB iddeċidiet li l-Ungerija kienet kisret il-libertà tal-assoċjazzjoni, fid-dawl tal-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti. | (33) Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' April 2014, Magyar Keresztény Mennonita Egyház and Others vs l-Ungerija, il-QEDB iddeċidiet li l-Ungerija kienet kisret il-libertà tal-assoċjazzjoni, fid-dawl tal-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti. ***Il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija sabet li ċerti regoli li jirregolaw il-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent bħala knisja ma kinux kostituzzjonali u ordnat lil-leġiżlatura biex iġġib ir-regoli rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant, l-Att rilevanti ġie ppreżentat lill-Parlament f'Diċembru 2015 iżda ma kisibx il-maġġoranza meħtieġa; madankollu, ingħata sodisfazzjon ġust lill-applikanti jew fuq il-bażi ta' ftehimiet bonarji jew skont is-sentenzi tal-Qorti.*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33a) L-adozzjoni tal-Att CCVI tal-2011 u l-emendi sussegwenti kollha għalih kellha l-intenzjoni li tiżgura b'mod sħiħ il-libertà individwali kif ukoll kollettiva tar-reliġjon, b'mod konformi mal-Liġi Fundamentali, tradizzjonijiet legali u standards internazzjonali Ungeriżi antiki.*** |

| | |
|---|---|
| | ***Id-differenzjazzjoni bejn l-istatus legali ta' kategoriji differenti ta' komunitajiet reliġjużi ma kellhiex l-għan li taffettwa b'mod sostanzjali l-libertà tar-reliġjon tagħhom, iżda kellha biss l-intenzjoni li tesprimi d-differenzi fit-tul ta' żmien u l-appoġġ soċjali tal-attivitajiet tagħhom kif ukoll fl-abbiltà tagħhom li jipparteċipaw fit-twettiq ta' kompiti ta' interess pubbliku. Din id-differenzjazzjoni mhijiex unika fl-Unjoni Ewropea; diversi Stati Membri għandhom kategoriji differenti ta' komunitajiet reliġjużi, xi wħud minnhom ibbażati fuq deċiżjoni ministerjali jew parlamentari (eż. fl-Awstrija, il-Belġju, Spanja jew il-Litwanja), xi oħrajn permezz ta' mezzi leġiżlattivi jew anke b'mod speċifiku fil-livell kostituzzjonali (eż. fil-Greċja, Malta, id-Danimarka, il-Finlandja, ir-Renju Unit).*** |

Or. en

**Emenda 142**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 34**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(34) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika fl-ittra tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi li kien imħasseb dwar ir-retorika stigmatizzanti użata mill-politiċi li tpoġġi f'dubju l-leġittimità tax-xogħol tal-NGOs fil-kuntest tal-verifiki li kienu twettqu mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern Ungeriż fir-rigward tal-NGOs li kienu benefiċjarji tal-Fond Ċivili Norveġiż. Bejn it-8-16 ta' Frar 2016, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żar l-Ungerija u indika fir-rapport tiegħu li sfidi sinifikanti*** | ***imħassar*** |

***jirriżultaw mill-qafas legali eżistenti li jirregola l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali, bħad-drittijiet għal-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni, u tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u li l-leġiżlazzjoni li tappartjeni għas-sigurtà nazzjonali u għall-migrazzjoni jista' wkoll ikollha impatt ristrettiv fuq l-ambjent tas-soċjetà ċivili.***

Or. en

**Emenda 143**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 34**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika fl-ittra tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi li kien imħasseb dwar ir-retorika stigmatizzanti użata mill-politiċi li tpoġġi f'dubju l-leġittimità tax-xogħol tal-NGOs fil-kuntest tal-verifiki li kienu twettqu mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern Ungeriż fir-rigward tal-NGOs li kienu benefiċjarji tal-Fond Ċivili Norveġiż. Bejn it-8-16 ta' Frar 2016, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żar l-Ungerija u indika fir-rapport tiegħu li sfidi sinifikanti jirriżultaw mill-qafas legali eżistenti li jirregola l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali, bħad-drittijiet għal-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni, u tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u li l-leġiżlazzjoni li tappartjeni għas-sigurtà nazzjonali u għall-migrazzjoni jista' wkoll ikollha impatt ristrettiv fuq l-ambjent tas-soċjetà ċivili. | (34) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika fl-ittra tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi li kien imħasseb dwar ir-retorika stigmatizzanti użata mill-politiċi li tpoġġi f'dubju l-leġittimità tax-xogħol tal-NGOs fil-kuntest tal-verifiki li kienu twettqu mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern Ungeriż fir-rigward tal-NGOs li kienu benefiċjarji tal-Fond Ċivili Norveġiż. ***L-investigazzjonijiet inkwistjoni bl-ebda mod ma kkonċernaw l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet, iżda dawn kienu miżuri ta' obbligu ta' rendikont rigward l-operazzjonijiet finanzjarji. Il-Gvern Ungeriż iffirma ftehim mal-għotjiet Norveġiżi u b'riżultat tagħhom il-pagamenti tal-għotjiet ikomplu joperaw mingħajr tfixkil, filwaqt li jikkonformaw mal-kriterji tat-trasparenza tal-istat tad-dritt.*** Bejn it-8-16 ta' Frar 2016, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żar l-Ungerija u indika fir-rapport tiegħu li sfidi sinifikanti jirriżultaw mill-qafas legali eżistenti li jirregola l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali, |

| | |
|---|---|
| | bħad-drittijiet għal-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni, u tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u li l-leġiżlazzjoni li tappartjeni għas-sigurtà nazzjonali u għall-migrazzjoni jista' wkoll ikollha impatt ristrettiv fuq l-ambjent tas-soċjetà ċivili. ***Madankollu, għexieren ta' eluf ta' organizzazzjonijiet jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti mmexxija mill-Fond Fiduċjarju għall-Kooperazzjoni Nazzjonali, u kemm in-numru ta' proġetti appoġġjati kif ukoll l-ammont tal-finanzjament żdiedu fl-Ungerija meta mqabbla mas-snin preċedenti.*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Michał Boni, Carlos Coelho, Frank Engel, Jaromír Štětina**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 34**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika fl-ittra tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi li kien imħasseb dwar ir-retorika stigmatizzanti użata mill-politiċi li tpoġġi f'dubju l-leġittimità tax-xogħol tal-NGOs fil-kuntest tal-verifiki li kienu twettqu mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern Ungeriż fir-rigward tal-NGOs li kienu benefiċjarji tal-Fond Ċivili Norveġiż. Bejn it-8-16 ta' Frar 2016, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żar l-Ungerija u indika fir-rapport tiegħu li sfidi sinifikanti jirriżultaw mill-qafas legali eżistenti li jirregola l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali, bħad-drittijiet għal-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni, u tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u li l-leġiżlazzjoni li tappartjeni għas-sigurtà nazzjonali u għall-migrazzjoni jista' wkoll ikollha impatt | (34) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika fl-ittra tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi li kien imħasseb dwar ir-retorika stigmatizzanti użata mill-politiċi li tpoġġi f'dubju l-leġittimità tax-xogħol tal-NGOs fil-kuntest tal-verifiki li kienu twettqu mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern Ungeriż fir-rigward tal-NGOs li kienu ***operaturi u*** benefiċjarji tal-Fond Ċivili Norveġiż. Bejn it-8-16 ta' Frar 2016, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żar l-Ungerija u indika fir-rapport tiegħu li sfidi sinifikanti jirriżultaw mill-qafas legali eżistenti li jirregola l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali, bħad-drittijiet għal-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni, u tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u li l-leġiżlazzjoni li tappartjeni għas-sigurtà nazzjonali u għall-migrazzjoni jista' wkoll ikollha impatt |

| | |
|---|---|
| ristrettiv fuq l-ambjent tas-soċjetà ċivili. | ristrettiv fuq l-ambjent tas-soċjetà ċivili. |

Or. en

**Emenda 145**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 34a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34a) Fit-12 ta' April 2018, il-pubblikazzjoni ta' kull ġimgħa Figyelo ppubblikat lista ta' 200 isem ta' personalitajiet akkużati li jappartjenu għal "netwerk ta' spekulaturi għas-servizz ta' George Soros"; il-Prim Ministru Viktor Orban waqt il-kampanja elettorali kien iddikjara li kellu fil-pussess tiegħu lista ta' 2000 persuna mħallsa minn Georges Soros; dawn l-aħbarijiet ħolqu nuqqas ta' fiduċja f'ċerti atturi tas-soċjetà ċivili li jista' jkun ta' ħsara għal-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà akkademika fl-Ungerija.*** |

Or. fr

**Emenda 146**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 35**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(35) F'April 2017 ġie introdott abbozz ta' liġi dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet Li Jirċievu Appoġġ minn Barra quddiem il-Parlament Ungeriż. Fis-26 ta' April 2017, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indirizza ittra lill-President tal-Assemblea Nazzjonali*** | ***imħassar*** |

***Ungeriża li fiha nnota li l-abbozz ta' liġi ġie introdott fl-isfond ta' retorika antagonista kontinwa minn ċerti membri tal-koalizzjoni li tmexxi, li b'mod pubbliku laqqmet xi NGOs bħala "aġenti barranin" abbażi tas-sors tal-finanzjament tagħhom u poġġiet f'dubju l-leġittimità tagħhom. Tħassib simili kien issemma' fid-dikjarazzjoni tas-7 ta' Marzu 2017 tal-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-President tal-Kunsill tal-Esperti dwar il-Liġi tal-NGOs, kif ukoll fl-Opinjoni tal-24 ta' April 2017 imħejjija mill-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs, u fid-dikjarazzjoni tal-15 ta' Mejju 2017 mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.***

Or. en

**Emenda 147**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 35**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) F'April 2017 ġie introdott abbozz ta' liġi dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet Li Jirċievu Appoġġ minn Barra quddiem il-Parlament Ungeriż. Fis-26 ta' April 2017, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indirizza ittra lill-President tal-Assemblea Nazzjonali Ungeriża li fiha nnota li l-abbozz ta' liġi ġie introdott fl-isfond ta' retorika antagonista kontinwa minn ċerti membri tal-koalizzjoni fil-gvern, li b'mod pubbliku identifikaw lil xi NGOs bħala "aġenti barranin" abbażi tas-sors tal-finanzjament tagħhom u poġġew f'dubju l-leġittimità tagħhom. Tħassib simili kien ġie | (35) F'April 2017 ġie introdott abbozz ta' liġi dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet Li Jirċievu Appoġġ minn Barra quddiem il-Parlament Ungeriż. Fis-26 ta' April 2017, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indirizza ittra lill-President tal-Assemblea Nazzjonali Ungeriża li fiha nnota li l-abbozz ta' liġi ġie introdott fl-isfond ta' retorika antagonista kontinwa minn ċerti membri tal-koalizzjoni fil-gvern, li b'mod pubbliku identifikaw lil xi NGOs bħala "aġenti barranin" abbażi tas-sors tal-finanzjament tagħhom u poġġew f'dubju l-leġittimità tagħhom. ***it-terminu "aġenti*** |

espress fid-dikjarazzjoni tas-7 ta' Marzu 2017 tal-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-President tal-Kunsill tal-Esperti dwar il-Liġi tal-NGOs, kif ukoll fl-Opinjoni tal-24 ta' April 2017 imħejjija mill-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs, u fid-dikjarazzjoni tal-15 ta' Mejju 2017 mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.

***barranin" huwa madankollu nieqes mil-liġi u l-Kummissjoni ta' Venezja ddikjarat fl-opinjoni tagħha li t-terminu "organizzazzjoni li tirċievi appoġġ minn barra l-pajjiż" huwa newtrali u deskrittiv. L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa rrikonoxxiet wkoll fir-riżoluzzjoni tagħha 2162 (2017) li l-liġi Ungeriża ma inkludietx parti mit-terminu kontroversjali "aġent barrani" jew ir-referenza speċifika u għaldaqstant diskriminatorja għall-NGOs li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, u li pprevediet reviżjoni ġudizzjarja aktar milli amministrattiva. Konsegwentement, jista' jiġi rikonoxxut li l-għan globali tal-Att huwa konformi mal-linji gwida internazzjonali rilevanti, inklużi dawk elaborati taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa.*** Tħassib simili kien ġie espress fid-dikjarazzjoni tas-7 ta' Marzu 2017 tal-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-President tal-Kunsill tal-Esperti dwar il-Liġi tal-NGOs, kif ukoll fl-Opinjoni tal-24 ta' April 2017 imħejjija mill-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs, u fid-dikjarazzjoni tal-15 ta' Mejju 2017 mir-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. ***Skont l-OSKE/ODIHR u l-Linji Gwida tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Libertà tal-Assoċjazzjoni kif ukoll l-opinjoni esperta tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar din il-kwistjoni, il-libertà li wieħed ifittex, jirċievi u juża riżorsi tista' tkun soġġetta għal rekwiżiti relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus jew it-terroriżmu u dawn ir-riżorsi jistgħu jkun soġġetti b'mod leġittimu wkoll għar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' trasparenza.***

Or. en

**Emenda 148**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 36**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(36) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ungeriż adotta l-abbozz ta' liġi b'bosta emendi. Fl-Opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li xi wħud minn dawk l-emendi kienu jirrappreżentaw titjib importanti iżda fl-istess ħin xi tħassib ieħor ma ġiex indirizzat u l-emendi ma kinux biżżejjed biex itaffu t-tħassib li l-liġi kienet se tikkawża interferenza sproporzjonata u mhux meħtieġa fil-libertajiet tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, fid-dritt għall-privatezza, u fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, li dehru li kienu parti minn attentat biex jiġu skreditati ċerti NGOs, inklużi NGOs iddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 36**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ungeriż adotta l-abbozz ta' liġi b'bosta emendi. Fl-Opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li xi wħud minn | (36) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ungeriż adotta l-abbozz ta' liġi b'bosta emendi. Fl-Opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li xi wħud minn |

| | |
|---|---|
| dawk l-emendi kienu jirrappreżentaw titjib importanti iżda fl-istess ħin xi tħassib ieħor ma ġiex indirizzat u l-emendi ma kinux biżżejjed biex itaffu t-tħassib li l-liġi kienet se tikkawża interferenza sproporzjonata u mhux meħtieġa fil-libertajiet tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, fid-dritt għall-privatezza, u fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, li dehru li kienu parti minn attentat biex jiġu skreditati ċerti NGOs, inklużi NGOs iddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija. | dawk l-emendi kienu jirrappreżentaw titjib importanti iżda fl-istess ħin xi tħassib ieħor ma ġiex indirizzat u l-emendi ma kinux biżżejjed biex itaffu t-tħassib li l-liġi kienet se tikkawża interferenza sproporzjonata u mhux meħtieġa fil-libertajiet tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, fid-dritt għall-privatezza, u fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. ***Madankollu, fl-2013, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet b'mod espliċitu li jista' jkun hemm diversi raġunijiet biex stat jillimita l-finanzjament barrani; inkluża l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u li huwa ġġustifikat li tkun meħtieġa l-akbar trasparenza possibbli fi kwistjonijiet li jappartjenu għall-finanzjament barrani. Konsegwentement, l-iżgurar tat-trasparenza huwa għan leġittimu u l-liġi Ungeriża ma timplimenta l-ebda restrizzjoni fuq il-finanzjament.*** Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, li dehru li kienu parti minn attentat biex jiġu skreditati ċerti NGOs, inklużi NGOs iddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija. |

Or. en

**Emenda 150**
**Soraya Post, Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 36**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ungeriż adotta l-abbozz ta' liġi b'bosta emendi. Fl-Opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li xi wħud minn | (36) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ungeriż adotta l-abbozz ta' liġi b'bosta emendi. Fl-Opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li xi wħud minn |

| | |
|---|---|
| dawk l-emendi kienu jirrappreżentaw titjib importanti iżda fl-istess ħin xi tħassib ieħor ma ġiex indirizzat u l-emendi ma kinux biżżejjed biex itaffu t-tħassib li l-liġi kienet se tikkawża interferenza sproporzjonata u mhux meħtieġa fil-libertajiet tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, fid-dritt għall-privatezza, u fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, li dehru li kienu parti minn attentat biex jiġu skreditati ċerti NGOs, inklużi NGOs iddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija. | dawk l-emendi kienu jirrappreżentaw titjib importanti iżda fl-istess ħin xi tħassib ieħor ma ġiex indirizzat u l-emendi ma kinux biżżejjed biex itaffu t-tħassib li l-liġi kienet se tikkawża interferenza sproporzjonata u mhux meħtieġa fil-libertajiet tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, fid-dritt għall-privatezza, u fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, li dehru li kienu parti minn attentat biex jiġu skreditati ċerti NGOs, inklużi NGOs iddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija ***u dawk li qed jaħdmu biex jippromwovu d-drittijiet tar-rifuġjati, dawk li jfittxu l-asil u l-migranti***. |

Or. en

**Emenda 151**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 37**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li indirettament jiddiskriminaw u b'mod sproporzjonat jillimitaw id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minquxa fil-Karta, ikkunsidrati flimkien | (37) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li indirettament jiddiskriminaw u b'mod sproporzjonat jillimitaw id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minquxa fil-Karta, ikkunsidrati flimkien |

mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital.

mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital. ***Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, dikjarazzjoni minn qabel tista' tkun miżura proporzjonata minħabba li għall-kuntrarju tal-awtorizzazzjoni minn qabel din ma tinvolvix is-sospensjoni tat-tranżazzjonijiet, iżda xorta waħda tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jeżerċitaw superviżjoni effettiva sabiex jiġi evitat il-ksur. Il-leġiżlazzjoni Ungeriża tapplika għodda ħafna aktar moderata, ladarba għandha tiġi prodotta sempliċi dikjarazzjoni ex post li skont id-definizzjoni mhijiex kapaċi tillimita l-moviment tal-kapital.***

Or. en

**Emenda 152**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 37**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (37) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li indirettament jiddiskriminaw u b'mod sproporzjonat jillimitaw id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ***kkonkludiet*** li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minquxa fil-Karta, ikkunsidrati flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital. | (37) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li***, fl-opinjoni tal-Kummissjoni,*** indirettament jiddiskriminaw u b'mod sproporzjonat jillimitaw id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ***allegat*** li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minquxa fil-Karta, ikkunsidrati flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital. ***Din il-proċedura għadha pendenti u fl-aħħar mill-aħħar u b'mod esklussiv*** |

***il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biex tistabbilixxi jekk l-Ungerija kisritx id-dritt tal-UE jew le skont l-Artikolu 19(3)a tat-TUE u l-Artikolu 260(1) tat-TFUE u kwalunkwe dikjarazzjoni li tassumi l-ksur tad-dritt tal-Unjoni sakemm id-deċiżjoni finali tkun sempliċi preżunzjoni.***

Or. en

**Emenda 153**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 37**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li indirettament jiddiskriminaw u b'mod sproporzjonat jillimitaw id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minquxa fil-Karta, ikkunsidrati flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital. | (37) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li indirettament jiddiskriminaw u b'mod sproporzjonat jillimitaw id-donazzjonijiet minn barra l-pajjiż lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minquxa fil-Karta, ikkunsidrati flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital***, definiti fl-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-Artikolu 26(2) u (63) tal-Verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. |

Or. en

**Emenda 154**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 37a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37a) Fit-28 ta' Frar 2018, il-Qorti Metropolitana ta' Budapest iddeċidiet fl-ewwel istanza li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kiser id-dritt tal-Hungarian Helsinki Committee (HHC) għal reputazzjoni tajba fil-kwestjonarju tal-konsultazzjoni nazzjonali "Stop Soros". Il-Qorti sabet li l-affermazzjonijiet tal-mistoqsija 5 dwar l-HHC kienu foloz u kienu jippreżentaw lill-HHC b'mod żbaljat. Il-Qorti talbet lill-Gvern Ungeriż jippreżenta l-iskużi tiegħu u jħallas HUF 2 miljuni f'danni lill-HHC.*** |

Or. fr

**Emenda 155**
**József Szájer, Kinga Gál, Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-*** | ***imħassar*** |

***Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom.***

Or. en

**Emenda 156**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal- | (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal- |

| | |
|---|---|
| Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. | Ewropa esprima tħassib simili. ***Fit-8 ta' Marzu 2018, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, ir-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-Espert Indipendenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà internazzjonali, ir-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, u r-Rapporteur Speċjali dwar il-forom kontemporanji ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata wissew li l-abbozz ta' liġi jwassal għal restrizzjonijiet żejda fuq il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni fl-Ungerija.*** Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. ***Fit-22 ta' Marzu 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Ġuridiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa talab opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-abbozz tal-pakkett leġiżlattiv.*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. ***Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali,*** il-pakkett ***leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom*** ta' ***appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati,*** ta' dawk li ***jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom.*** | (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Il-pakkett ***tal-Abbozz*** ta' ***Liġi jipprevedi l-esponiment*** ta' dawk ***l-attivitajiet u l-assoċjazzjonijiet iffinanzjati minn barra l-pajjiż*** li***, filwaqt li jevitaw l-ordni pubbliku Ungeriż, għandhom l-intenzjoni li jrawmu l-immigrazzjoni illegali. Il-Pakkett għadu ma ġiex adottat mill-Parlament Ungeriż, iżda huwa soġġett għal skrutinju mill-kumitati kompetenti tiegħu u huwa konsegwentement miftuħ għal aktar emendi.*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Miltiadis Kyrkos, Dietmar Köster, Juan**

**Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Kati Piri, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. | (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. ***Fit-3 ta' Marzu 2018, l-esperti tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU wissew li l-abbozz ta' liġi jwassal għal restrizzjonijiet żejda fuq il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni fl-Ungerija.*** Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. ***Fit-*** |

***22 ta' Marzu 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Ġuridiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa talab opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-kompatibbiltà tal-abbozz tal-pakkett leġiżlattiv "Stop Soros" ma' standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.***

Or. en

**Emenda 159**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' | (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' |

| | |
|---|---|
| dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. | dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. ***Wieħed minn dawn l-abbozzi ta' liġijiet kien maħsub biex jintaxxa kull finanzjament barrani lill-NGOs inkluż il-finanzjament Ewropew b'25 % li jista' jikkostitwixxi miżappropriazzjoni tal-fondi Ewropej u jiddubita kemm tali dispożizzjoni hija kompatibbli mad-dritt Ewropew.*** |

Or. fr

**Emenda 160**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' | (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' |

allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom.

allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. ***Il-pluralità tal-vuċijiet u l-possibbiltà ta' nuqqas ta' qbil min-naħa tas-soċjetà ċivili hija parti neċessarja ta' stat Ewropew modern.***

Or. en

**Emenda 161**
**Michał Boni, Carlos Coelho, Frank Engel, Jaromír Štětina**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi | (38) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv li jikkonsisti minn tliet abbozzi ta' liġijiet, magħruf ukoll bħala "Stop-Soros Package" (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat lill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li billi |

| | |
|---|---|
| jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. | jalludi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u għall-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' allegata konfoffa internazzjonali, il-pakkett leġiżlattiv ikun qed jistigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani dirett lejn l-NGOs tista' tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex b'mod mhux ġustifikat ikun hemm interferenza fl-attivitajiet tagħhom. ***Il-pakkett leġiżlattiv se jċaħħad lill-NGOs minn rimedju legali biex jappellaw kontra deċiżjonijiet arbitrarji.*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Josef Weidenholzer, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Péter Niedermüller, Kati Piri, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38a) L-iżgurar ta' ambjent ta' abilitazzjoni għas-soċjetà ċivili huwa obbligu skont id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u d-dritt tal-Unjoni. Il-miżuri tal-gvern Ungeriż biex jostakola l-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jmorru kontra l-prinċipji bażiċi tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE.*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness VII - sottotitolu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-dritt tal-istrajkjar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ta' min wieħed isemmi r-riżervi fid-*dritt tal-istrajkjar: https://financialobserver.eu/ce/the-hungarian-government-problems-with-trade-unions/

**Emenda 164**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 38a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38a) L-istrajkijiet fl-Ungerija huma illegali fil-prinċipju, sa minn Diċembru 2010, meta l-gvern ta' Victor Orban għadda emenda għall-hekk imsejjaħ Att dwar l-istrajkijiet. It-tibdil ifisser li l-istrajkijiet, fil-prinċipju, se jkunu permessi f'kumpaniji assoċjati ma' amministrazzjoni tal-gvern permezz tal-kuntratti ta' servizz pubbliku. L-emenda ma tapplikax għal gruppi professjonali li sempliċement m'għandhomx dan id-dritt, bħal sewwieqa tal-ferroviji, uffiċjali tal-pulizija, persunal mediku u kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Il-problema qiegħda band'oħra, prinċipalment fil-perċentwal tal-impjegati li jeħtiġilhom jieħdu sehem fir-referendum tal-istrajk, biex isir importanti - sa 70 %. Imbagħad id-deċiżjoni dwar il-legalità tal-istrajkijiet se tittieħed minn qorti tax-xogħol li hija kompletament sottomessa għall-istat. Fl-2011, ġew ippreżentati disa' applikazzjonijiet għal permessi għall-istrajkijiet. F'seba' każijiet, dawn l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***applikazzjonijiet ġew irrifjutati mingħajr raġuni; tnejn minnhom ġew ipproċessati, iżda kien impossibbli li tinħareġ deċiżjoni.*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 39**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali minn dawn il-gruppi kollha. | (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali minn dawn il-gruppi kollha. ***Mill-banda l-oħra, il-Grupp ta' Ħidma rrikonoxxa l-isforzi tal-Gvern Ungeriż fit-tisħiħ tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja billi introduċa dispożizzjonijiet ġenerużi fis-sistema tal-appoġġ tal-familja u f'relazzjoni mal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u kompla jirrikonoxxi l-kooperazzjoni tal-Gvern Ungeriż mal-mekkaniżmu tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u l-involviment tiegħu fi djalogu sinċier u miftuħ.*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 39**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali minn dawn il-gruppi kollha. | (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali minn dawn il-gruppi kollha. ***L-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għall-elezzjonijiet Parlamentari Ungeriżi tal-2018, fid-9 ta' April 2018, esprima tħassib simili bħall-Grupp ta' Ħidma tan-NU, u nnota b'mod speċjali sottorappreżentanza inkwetanti ta' nisa fil-ħajja politika, u anke n-nuqqas ta' kwalunkwe strument biex tiġi promossa l-inklużjoni pożittiva tan-nisa f'dan il-qasam.*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Kinga Gál, Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 39**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il- | (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il- |

| | |
|---|---|
| Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. ***Il-Grupp*** ta' ***Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali minn dawn il-gruppi kollha***. | Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. ***Il-konfrontazzjoni artifiċjali tal-familji u d-drittijiet tan-nisa hija madankollu estremament dannuża minħabba li l-istabbiliment*** ta' ***ambjent favur il-familja huwa neċessarju għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-libertà tal-għażla tagħhom. Barra minn hekk, il-kompetenzi mhux mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri. Din il-kwistjoni taqa' b'mod ċar taħt il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri***. |

Or. en

**Emenda 168**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 39**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali | (39) Bejn is-17-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li l-forma konservattiva ta' familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita bħala essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, m'għandhiex tkun f'diskrepanza mad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma indika wkoll li d-dritt tal-mara għall-ugwaljanza ma jistax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma parti integrali |

| | |
|---|---|
| minn dawn il-gruppi kollha. | minn dawn il-gruppi kollha. ***B'mod addizzjonali, hemm diskriminazzjoni verbali ċara kontra n-nisa fil-pubblikazzjonijiet tal-iskola.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' referenza għal diskriminazzjoni fil-kotba tal-iskola: http://politicalcritique.org/cee/hungary/2017/sexism-and-racism-the-new-hungarian-schoolbooks-teach-everything-you-dont-want-your-child-to-learn/*

**Emenda 169**
**Kinga Gál, Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 40**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima dispjaċir li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix bis-sħiħ il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. | (40) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima dispjaċir li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix bis-sħiħ il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. ***B'kuntrast ma' dan, il-liġi Ungeriża tipprevedi protezzjoni qawwija għan-nisa kontra l-vjolenza; id-definizzjoni legali ta' "vjolenza mwettqa f'relazzjoni" fil-Kodiċi Kriminali tal-Ungerija, tkopri firxa aktar wiesgħa ta' azzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati bħala abbuż u mill-2013 tikkastiga dawn l-azzjonijiet b'mod aktar server minn qabel u mill-1 ta' Jannar 2008 il-fastidju jkun jikkostitwixxi att kriminali sui generis. Barra minn hekk, il-kompetenzi mhux mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri. Din il-kwistjoni taqa' b'mod ċar taħt il-*** |

*kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri.*

Or. en

**Emenda 170**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 40**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima dispjaċir li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix bis-sħiħ il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. | (40) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima dispjaċir li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. ***Barra minn hekk, dawn l-osservazzjonijiet huma enfasizzati mill-fatt li l-Ungerija hija klassifikata bħala wieħed mill-pajjiżi bl-agħar prestazzjoni fl-Unjoni f'dak li jirrigwardja r-rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament nazzjonali, b'perċentwal konsistenti ta' madwar 10 % tas-siġġijiet miżmuma min-nisa.*** Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix bis-sħiħ il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. |

Or. en

**Emenda 171**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 40**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat | (40) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat |

| | |
|---|---|
| għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima dispjaċir li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix bis-sħiħ il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. | għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima dispjaċir li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix bis-sħiħ il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. ***Il-Parlament jenfasizza l-fatt li l-Ungerija ffirmat il-Konvenzjoni ta' Istanbul u li l-Unjoni Ewropea aderixxiet għaliha.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-appell imsemmi hawn fuq jirriżulta mill-fatt li, ladarba l-Ungerija diġà ffirmat il-Konvenzjoni u hija marbuta mid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni, hija għandha l-obbligu li tikkonforma magħha - u għaldaqstant għandha d-dmir li testendi l-protezzjoni tan-nisa affettwati mill-vjolenza fil-familja.*

**Emenda 172**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 41**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn talbet lill-Ungerija timplimenta b'mod korrett id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill***[1], billi l-liġi Ungeriża tipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal raġunjiet ta' sess li hija ferm usa' mill-eċċezzjoni prevista minn dik id-Direttiva. Fl-istess data, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata lill-Ungerija għan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 92/85/KEE ***tal-Kunsill***[2] li tgħid li l-impjegaturi għandhom id-dmir li jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tqal jew li qed ireddgħu biex jiġi | (41) Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn talbet lill-Ungerija timplimenta b'mod korrett id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill***, billi l-liġi Ungeriża tipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal raġunjiet ta' sess li hija ferm usa' mill-eċċezzjoni prevista minn dik id-Direttiva. Fl-istess data, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata lill-Ungerija għan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 92/85/KEE ***tal-Kunsill*** li tgħid li l-impjegaturi għandhom id-dmir li jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tqal jew li qed ireddgħu biex jiġi |

| | |
|---|---|
| evitat ir-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom. | evitat ir-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom***; madankollu, huwa mistenni li l-każ jiġi konkluż dalwaqt, ladarba l-emendi introdotti mill-Gvern Ungeriż solvew il-kwistjonijiet kontenzjużi kollha inkwistjoni. Il-Liġi Fundamentali tal-Ungerija tistipula dispożizzjonijiet obbligatorji għall-protezzjoni tal-postijiet tax-xogħol tal-ġenituri u biex jiġi appoġġjat il-prinċipju ta' trattament indaqs; konsegwentement, hemm regoli speċjali dwar il-liġi dwar ix-xogħol għan-nisa u għall-ommijiet u l-missirijiet li qed irabbu t-tfal.*** |

__________________

[1] ***Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).***

[2] ***Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1).***

Or. en

**Emenda 173**
**Kinga Gál, Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 41**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn talbet lill-Ungerija timplimenta b'mod korrett id-Direttiva 2006/54/KE tal- | (41) Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn talbet lill-Ungerija timplimenta b'mod korrett id-Direttiva 2006/54/KE tal- |

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], billi l-liġi Ungeriża tipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal raġunjiet ta' sess li hija ferm usa' mill-eċċezzjoni prevista minn dik id-Direttiva. Fl-istess data, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata lill-Ungerija għan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 92/85/KEE tal-Kunsill[2] li tgħid li l-impjegaturi għandhom id-dmir li jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tqal jew li qed ireddgħu biex jiġi evitat ir-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom.

---

[1] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], billi l-liġi Ungeriża tipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal raġunjiet ta' sess li hija ferm usa' mill-eċċezzjoni prevista minn dik id-Direttiva. Fl-istess data, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata lill-Ungerija għan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 92/85/KEE tal-Kunsill[2] li tgħid li l-impjegaturi għandhom id-dmir li jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tqal jew li qed ireddgħu biex jiġi evitat ir-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom. ***għalhekk il-Gvern Ungeriż ħa l-impenn li jemenda d-dispożizzjonijiet neċessarji tal-Att CXXV tal-2003 dwar it-Trattament Indaqs u l-Promozzjoni tal-Opportunitajiet Indaqs, kif ukoll l-Att I tal-2012 dwar il-Kodiċi dwar ix-Xogħol.***

---

[1] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1).

Or. en

**Emenda 174**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 42**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-projbizzjoni kostituzzjonali fuq id-diskriminazzjoni ma tinkludix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u li d-definizzjoni ristrettiva tagħha ta' familja tista' twassal għal diskriminazzjoni għaliex ma tinkludix ċerti tipi ta' arranġamenti ta' familja, inkluż koppji tal-istess sess. Il-Kumitat kien imħasseb ukoll dwar atti ta' vjolenza u l-prevalenza ta' sterjotipi negattivi u preġudizzju kontra persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru, b'mod partikolari fis-setturi tax-xogħol u tal-edukazzjoni. ***Semma' wkoll it-tqegħid furzat f'istituzzjonijiet mediċi, l-iżolament u t-trattament furzat ta' numru kbir ta' persuni b'diżabilità mentali, intellettwali u psikosoċjali, kif ukoll il-vjolenza rrapportata u t-trattament krudili, inuman u degradanti u allegazzjonijiet ta' numru kbir ta' mwiet mhux investigati f'istituzzjonijiet magħluqa.*** | (42) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-projbizzjoni kostituzzjonali fuq id-diskriminazzjoni ma tinkludix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u li d-definizzjoni ristrettiva tagħha ta' familja tista' twassal għal diskriminazzjoni għaliex ma tinkludix ċerti tipi ta' arranġamenti ta' familja, inkluż koppji tal-istess sess. Il-Kumitat kien imħasseb ukoll dwar atti ta' vjolenza u l-prevalenza ta' sterjotipi negattivi u preġudizzju kontra persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru, b'mod partikolari fis-setturi tax-xogħol u tal-edukazzjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-punt 42 jittratta l-projbizzjoni kostituzzjonali tad-diskriminazzjoni, li ma ssemmix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fost ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni. Min-naħa tagħha, l-aħħar sentenza tittratta sitwazzjoni differenti li ma taffettwax biss persuni mill-ambjent LGBTQ. Il-punti jenħtieġ li jiġu sseparati.*

**Emenda 175**
**Kinga Gál, Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 42**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-projbizzjoni kostituzzjonali fuq id-diskriminazzjoni ma tinkludix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u li d-definizzjoni ristrettiva tagħha ta' familja tista' twassal għal diskriminazzjoni għaliex ma tinkludix ċerti tipi ta' arranġamenti ta' familja, inkluż koppji tal-istess sess. Il-Kumitat kien imħasseb ukoll dwar atti ta' vjolenza u l-prevalenza ta' sterjotipi negattivi u preġudizzju kontra persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru, b'mod partikolari fis-setturi tax-xogħol u tal-edukazzjoni. ***Semma' wkoll it-tqegħid furzat f'istituzzjonijiet mediċi, l-iżolament u t-trattament furzat*** ta' ***numru kbir ta' persuni b'diżabilità mentali, intellettwali u psikosoċjali, kif ukoll il-vjolenza rrapportata u t-trattament krudili, inuman u degradanti u allegazzjonijiet ta' numru kbir ta' mwiet*** mhux ***investigati f'istituzzjonijiet magħluqa***. | (42) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-projbizzjoni kostituzzjonali fuq id-diskriminazzjoni ma tinkludix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u li d-definizzjoni ristrettiva tagħha ta' familja tista' twassal għal diskriminazzjoni għaliex ma tinkludix ċerti tipi ta' arranġamenti ta' familja, inkluż koppji tal-istess sess. ***Kontra dan kollu, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru jaqgħu taħt protezzjoni kostituzzjonali stretta fl-Ungerija, minħabba li l-Liġi Fundamentali fiha lista miftuħa, li tipprojbixxi diskriminazzjoni abbażi ta' "kwalunkwe ċirkostanza oħra" u l-Att Ungeriż dwar it-Trattament Indaqs jipprojbixxi b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi taż-żewġ raġunijiet mill-2004.*** Il-Kumitat kien imħasseb ukoll dwar atti ta' vjolenza u l-prevalenza ta' sterjotipi negattivi u preġudizzju kontra persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru, b'mod partikolari fis-setturi tax-xogħol u tal-edukazzjoni. ***Il-Kodiċi Penali Ungeriż jikkastiga b'mod strett l-inċitar tal-vjolenza jew il-mibegħda kontra kwalunkwe membru*** ta' ***grupp tas-soċjetà u b'mod espliċitu għar-raġunijiet tad-diżabilità, l-identità tal-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali; dan ir-reat iġorr miegħu priġunerija għal*** mhux ***aktar minn tliet snin***. |

Or. en

**Emenda 176**
**Barbara Kudrycka, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 42a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42a) Barra min hekk, fl-istess osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar it-tqegħid furzat f'istituzzjonijiet mediċi, l-iżolament u t-trattament furzat ta' numru kbir ta' persuni b'diżabilità mentali, intellettwali u psikosoċjali, kif ukoll ir-rapporti ta' vjolenza u trattament krudili, inuman u degradanti u l-allegazzjonijiet ta' numru kbir ta' mwiet mhux investigati f'istituzzjonijiet magħluqa.*** |

Or. en

**Emenda 177**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 43**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (56) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-liġi Ungeriża adottata f'Marzu 2017, li tippermetti t-tneħħija awtomatika lejn iż-żoni ta' tranżitu tal-applikanti kollha għall-asil għall-perjodu tal-proċedura ta' asil tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati identifikati li huma taħt l-età ta' 14-il sena, ma tissodisfax l-istandards legali b'riżultat tal-perjodu twil u indefinit ta' reklużjoni | (56) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-liġi Ungeriża adottata f'Marzu 2017, li tippermetti t-tneħħija awtomatika lejn iż-żoni ta' tranżitu tal-applikanti kollha għall-asil għall-perjodu tal-proċedura ta' asil tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati identifikati li huma taħt l-età ta' 14-il sena, ma tissodisfax l-istandards legali b'riżultat tal-perjodu twil u indefinit ta' reklużjoni |

permessa, in-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit legali biex malajr jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull persuna milquta, u n-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali biex b'mod sinifikanti tiġi kkontestata t-tneħħija lejn iż-żoni ta' tranżitu. Il-Kumitat kien partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti ta' użu estensiv ta' detenzjoni awtomatika tal-immigrazzjoni fil-faċilitajiet għaż-żamma fl-Ungerija u kien imħasseb li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà personali ntużaw bħala deterrent ġenerali kontra d-dħul illegali aktar milli bħala reazzjoni għad-determinazzjoni individwalizzata tar-riskju. Barra minn hekk, il-Kumitat kien imħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ħżiena f'xi faċilitajiet għaż-żamma. Innota bi tħassib il-liġi tal-push-back, li ġiet introdotta l-ewwel darba f'Ġunju 2016, li tippermetti l-espulsjoni sommarja mill-pulizija ta' kull min jaqsam il-fruntiera b'mod irregolari u jkun inżamm fit-territorju Ungeriż sa 8 kilometri mill-fruntiera, li sussegwentement ġew estiżi għat-territorju kollu tal-Ungerija, u d-digriet 191/2015 li jiddeżinja lis-Serbja bħala "pajjiż terz sikur" u b'hekk jippermetti l-push-backs fil-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja. Il-Kumitat innota bi tħassib ir-rapporti li l-push-backs ġew applikati b'mod indiskriminat u li l-persuni soġġetti għal din il-miżura għandhom opportunità limitata ħafna biex jissottomettu applikazzjoni għal asil jew dritt ta' appell. Innota wkoll bi tħassib rapporti ta' espulsjonijiet kollettivi u vjolenti, inklużi allegazzjonijiet ta' swat qawwi, attakki mill-klieb tal-pulizija u sparar bil-balal tal-lasktu, li jirriżultaw f'korrimenti serji u, mill-inqas f'każ wieħed, fit-telf tal-ħajja ta' persuna li kienet qed tfittex asil. Kien imħasseb ukoll dwar rapporti li l-valutazzjoni tal-età tat-tfal li jfittxu asil u tal-minorenni mhux akkumpanjati mwettqa fiż-żoni ta' tranżitu mhijiex adegwata, tiddependi ħafna fuq l-eżami viżiv minn espert u mhuwiex preċiż, u dwar rapporti li jallegaw in-nuqqas ta'

permessa, in-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit legali biex malajr jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull persuna milquta, u n-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali biex b'mod sinifikanti tiġi kkontestata t-tneħħija lejn iż-żoni ta' tranżitu. Il-Kumitat kien partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti ta' użu estensiv ta' detenzjoni awtomatika tal-immigrazzjoni fil-faċilitajiet għaż-żamma fl-Ungerija u kien imħasseb li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà personali ntużaw bħala deterrent ġenerali kontra d-dħul illegali aktar milli bħala reazzjoni għad-determinazzjoni individwalizzata tar-riskju. Barra minn hekk, il-Kumitat kien imħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ħżiena f'xi faċilitajiet għaż-żamma. Innota bi tħassib il-liġi tal-push-back, li ġiet introdotta l-ewwel darba f'Ġunju 2016, li tippermetti l-espulsjoni sommarja mill-pulizija ta' kull min jaqsam il-fruntiera b'mod irregolari u jkun inżamm fit-territorju Ungeriż sa 8 kilometri mill-fruntiera, li sussegwentement ġew estiżi għat-territorju kollu tal-Ungerija, u d-digriet 191/2015 li jiddeżinja lis-Serbja bħala "pajjiż terz sikur" u b'hekk jippermetti l-push-backs fil-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja. Il-Kumitat innota bi tħassib ir-rapporti li l-push-backs ġew applikati b'mod indiskriminat u li l-persuni soġġetti għal din il-miżura għandhom opportunità limitata ħafna biex jissottomettu applikazzjoni għal asil jew dritt ta' appell. Innota wkoll bi tħassib rapporti ta' espulsjonijiet kollettivi u vjolenti, inklużi allegazzjonijiet ta' swat qawwi, attakki mill-klieb tal-pulizija u sparar bil-balal tal-lasktu, li jirriżultaw f'korrimenti serji u, mill-inqas f'każ wieħed, fit-telf tal-ħajja ta' persuna li kienet qed tfittex asil. Kien imħasseb ukoll dwar rapporti li l-valutazzjoni tal-età tat-tfal li jfittxu asil u tal-minorenni mhux akkumpanjati mwettqa fiż-żoni ta' tranżitu mhijiex adegwata, tiddependi ħafna fuq l-eżami viżiv minn espert u mhuwiex preċiż, u dwar rapporti li jallegaw in-nuqqas ta'

| | |
|---|---|
| aċċess adegwat minn dawn il-persuni li jfittxu asil għall-edukazzjoni, għas-servizzi soċjali u psikoloġiċi u għall-għajnuna legali. | aċċess adegwat minn dawn il-persuni li jfittxu asil għall-edukazzjoni, għas-servizzi soċjali u psikoloġiċi u għall-għajnuna legali. ***Jinnota li issa, skont il-proposta l-ġdida għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (COM(2016)0467 – C8-0321/2016 – 2016/0224(COD)) il-valutazzjoni tal-età medika tkun miżura tal-aħħar għażla. Għalhekk, il-Parlament jitlob lill-Ungerija tipprovdi valutazzjonijiet tal-età xierqa ta' dawk li jfittxu l-asil.*** |

Or. en

**Emenda 239**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 56**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (56) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-liġi Ungeriża adottata f'Marzu 2017, li tippermetti t-tneħħija awtomatika lejn iż-żoni ta' tranżitu tal-applikanti kollha għall-asil għall-perjodu tal-proċedura ta' asil tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati identifikati li huma taħt l-età ta' 14-il sena, ma tissodisfax l-istandards legali b'riżultat tal-perjodu twil u indefinit ta' reklużjoni permessa, in-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit legali biex malajr jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull persuna milquta, u n-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali biex b'mod sinifikanti tiġi kkontestata t-tneħħija lejn iż-żoni ta' tranżitu. Il-Kumitat kien partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti ta' użu estensiv ta' detenzjoni awtomatika tal- | (56) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-liġi Ungeriża adottata f'Marzu 2017, li tippermetti t-tneħħija awtomatika lejn iż-żoni ta' tranżitu tal-applikanti kollha għall-asil għall-perjodu tal-proċedura ta' asil tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati identifikati li huma taħt l-età ta' 14-il sena, ma tissodisfax l-istandards legali b'riżultat tal-perjodu twil u indefinit ta' reklużjoni permessa, in-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit legali biex malajr jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull persuna milquta, u n-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali biex b'mod sinifikanti tiġi kkontestata t-tneħħija lejn iż-żoni ta' tranżitu. Il-Kumitat kien partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti ta' użu estensiv ta' detenzjoni awtomatika tal- |

immigrazzjoni fil-faċilitajiet għaż-żamma fl-Ungerija u kien imħasseb li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà personali ntużaw bħala deterrent ġenerali kontra d-dħul illegali aktar milli bħala reazzjoni għad-determinazzjoni individwalizzata tar-riskju. Barra minn hekk, il-Kumitat kien imħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ħżiena f'xi faċilitajiet għaż-żamma. Innota bi tħassib il-liġi tal-push-back, li ġiet introdotta l-ewwel darba f'Ġunju 2016, li tippermetti l-espulsjoni sommarja mill-pulizija ta' kull min jaqsam il-fruntiera b'mod irregolari u jkun inżamm fit-territorju Ungeriż sa 8 kilometri mill-fruntiera, li sussegwentement ġew estiżi għat-territorju kollu tal-Ungerija, u d-digriet 191/2015 li jiddeżinja lis-Serbja bħala "pajjiż terz sikur" u b'hekk jippermetti l-push-backs fil-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja. Il-Kumitat innota bi tħassib ir-rapporti li l-push-backs ġew applikati b'mod indiskriminat u li l-persuni soġġetti għal din il-miżura għandhom opportunità limitata ħafna biex jissottomettu applikazzjoni għal asil jew dritt ta' appell. Innota wkoll bi tħassib rapporti ta' espulsjonijiet kollettivi u vjolenti, inklużi allegazzjonijiet ta' swat qawwi, attakki mill-klieb tal-pulizija u sparar bil-balal tal-lasktu, li jirriżultaw f'korrimenti serji u, mill-inqas f'każ wieħed, fit-telf tal-ħajja ta' persuna li kienet qed tfittex asil. Kien imħasseb ukoll dwar rapporti li l-valutazzjoni tal-età tat-tfal li jfittxu asil u tal-minorenni mhux akkumpanjati mwettqa fiż-żoni ta' tranżitu mhijiex ***adegwata***, tiddependi ħafna fuq l-eżami viżiv minn espert u ***mhuwiex preċiż***, u dwar rapporti li jallegaw in-nuqqas ta' aċċess adegwat minn dawn il-persuni li jfittxu asil għall-edukazzjoni, għas-servizzi soċjali u psikoloġiċi u għall-għajnuna legali.

immigrazzjoni fil-faċilitajiet għaż-żamma fl-Ungerija u kien imħasseb li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà personali ntużaw bħala deterrent ġenerali kontra d-dħul illegali aktar milli bħala reazzjoni għad-determinazzjoni individwalizzata tar-riskju. Barra minn hekk, il-Kumitat kien imħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ħżiena f'xi faċilitajiet għaż-żamma. Innota bi tħassib il-liġi tal-push-back, li ġiet introdotta l-ewwel darba f'Ġunju 2016, li tippermetti l-espulsjoni sommarja mill-pulizija ta' kull min jaqsam il-fruntiera b'mod irregolari u jkun inżamm fit-territorju Ungeriż sa 8 kilometri mill-fruntiera, li sussegwentement ġew estiżi għat-territorju kollu tal-Ungerija, u d-digriet 191/2015 li jiddeżinja lis-Serbja bħala "pajjiż terz sikur" u b'hekk jippermetti l-push-backs fil-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja. Il-Kumitat innota bi tħassib ir-rapporti li l-push-backs ġew applikati b'mod indiskriminat u li l-persuni soġġetti għal din il-miżura għandhom opportunità limitata ħafna biex jissottomettu applikazzjoni għal asil jew dritt ta' appell. Innota wkoll bi tħassib rapporti ta' espulsjonijiet kollettivi u vjolenti, inklużi allegazzjonijiet ta' swat qawwi, attakki mill-klieb tal-pulizija u sparar bil-balal tal-lasktu, li jirriżultaw f'korrimenti serji u, mill-inqas f'każ wieħed, fit-telf tal-ħajja ta' persuna li kienet qed tfittex asil. Kien imħasseb ukoll dwar rapporti li l-valutazzjoni tal-età tat-tfal li jfittxu asil u tal-minorenni mhux akkumpanjati mwettqa fiż-żoni ta' tranżitu mhijiex ***bir-reqqa biżżejjed***, tiddependi ħafna fuq l-eżami viżiv minn espert u ***mhijiex preċiża***, u dwar rapporti li jallegaw in-nuqqas ta' aċċess adegwat minn dawn il-persuni li jfittxu asil għall-edukazzjoni, għas-servizzi soċjali u psikoloġiċi u għall-għajnuna legali.

Or. en

**Emenda 240**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 56a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(56a) billi, f'Marzu 2018, qorti Ungeriża appoġġjat is-sentenza kontra Ahmed H, rifuġjat Sirjan akkużat b'ingann li wettaq atti terroristiċi fil-fruntiera fl-2015, taħt il-prerogattiva tal-liġijiet kontra t-terroriżmu tal-pajjiż, li ġew ikkritikati b'mod wiesa' minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi tad-drittijiet tal-bniedem bħala "drakonjani" u "vagi", u Amnesty International ddeskriviet l-verdett bħala "użu ħażin sfaċċat ta' dispożizzjonijiet relatati mat-terroriżmu"; billi l-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 2017, diġà rrikonoxxa l-proċess bħala "inġust"; jistieden lill-awtoritajiet Ungeriżi jwaqqfu l-kampanja ta' fastidju u ta' denigrazzjoni kontra Ahmed H u jiżgura li jirċievi proċess ġust;*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Soraya Post, Josef Weidenholzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 56a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(56a) Il-korpi tan-NU u s-soċjetà ċivili ddikjaraw tħassib dwar l-assoċjazzjoni kontinwa ta' migranti u Musulmani mat-terroriżmu, li wassal għall-immirar diskriminatorju ta' persuni innoċenti skont leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu. Il-konfluwenza ta' liġijiet drakonjani kontra t-terroriżmu u l-azzjonijiet ripressivi fil-konfront tar-rifuġjati wasslu għal tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***inqas f'istanza waħda għall-użu ħażin min-naħa tal-gvern tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu kontra rifuġjat li kien qed jgħin lill-familja tiegħu taqsam il-fruntiera. Ahmed H. ġie kkundannat għal 7 snin ħabs għal "att ta' terroriżmu."*** |

Or. en

**Emenda 242**
**Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 56a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(56a) Jinsab imħasseb dwar l-atteġġjament tas-soċjetà li ġiet stimolata mill-politiki implimentati fis-snin riċenti u l-kampanji "iffinanzjati mit-taxxa" immexxija mill-gvern kontra r-rifuġjati, il-minoranzi u ċittadini oħra.*** |

Or. en

**Emenda 243**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 57**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(57) Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika t-tħassib tiegħu dwar miżuri meħuda biex jipprojbixxu l-irqad fit-toroq u l-kostruzzjoni ta' għarajjex u għarajfiet, li fil-prattika ġew deskritti b'mod wiesa' bħala l-kriminalizzazzjoni*** | ***imħassar*** |

***tal-persuni mingħajr dar. Il-Kummissarju ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jinvestigaw il-każijiet irrapportati ta' evizzjonijiet furzati mingħajr soluzzjonijiet alternattivi u ta' tfal li jittieħdu minn mal-familji tagħhom għal raġunijiet ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-leġiżlazzjoni tal-istat u lokali, ibbażata fuq ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali, li tiddeżinja ħafna żoni pubbliċi bħala pprojbiti għall-persuni li jorqdu fit-triq u dan effettivament jikkastiga lill-persuni mingħajr dar.***

Or. en

**Emenda 244**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 57**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (57) Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika t-tħassib tiegħu dwar miżuri meħuda biex jipprojbixxu l-irqad fit-toroq u l-kostruzzjoni ta' għarajjex u għarajfiet, li fil-prattika ġew deskritti b'mod wiesa' bħala l-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar. Il-Kummissarju ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jinvestigaw il-każijiet irrapportati ta' evizzjonijiet furzati mingħajr soluzzjonijiet alternattivi u ta' tfal li jittieħdu minn mal-familji tagħhom għal raġunijiet ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu ***tal-5 ta' April 2018***, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar | (57) Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika t-tħassib tiegħu dwar miżuri meħuda biex jipprojbixxu l-irqad fit-toroq u l-kostruzzjoni ta' għarajjex u għarajfiet, li fil-prattika ġew deskritti b'mod wiesa' bħala l-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar***, li wieħed jista' jargumenta li hija dikjarazzjoni esagerata meta jitqies li l-Liġi Fundamentali tal-Ungerija tiddikjara l-għajxien b'dinjità bħala għan tal-istat u għaldaqstant tinkludi dispożizzjoni dwar il-kura ta' persuni mingħajr kenn u - b'mod konformi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew - qed timmira li telimina l-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar li taffettwa ż-żoni*** |

| | |
|---|---|
| il-leġiżlazzjoni tal-istat u lokali, ibbażata fuq ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali, li tiddeżinja ħafna żoni pubbliċi bħala pprojbiti għall-persuni li jorqdu fit-triq u dan effettivament jikkastiga lill-persuni mingħajr dar. | ***pubbliċi***. Il-Kummissarju ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jinvestigaw il-każijiet irrapportati ta' evizzjonijiet furzati mingħajr soluzzjonijiet alternattivi u ta' tfal li jittieħdu minn mal-familji tagħhom għal raġunijiet ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu ***tal-5 ta' April 2018***, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-leġiżlazzjoni tal-istat u lokali, ibbażata fuq ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali, li tiddeżinja ħafna żoni pubbliċi bħala pprojbiti għall-persuni li jorqdu fit-triq u dan effettivament jikkastiga lill-persuni mingħajr dar***, billi l-projbizzjoni tar-residenza f'żoni pubbliċi mhijiex biss unika għall-Ungerija iżda hija prattika komuni aċċettata fuq livell internazzjonali li l-persuni mingħajr dar mhumiex permessi f'ċerti żoni pubbliċi. Barra minn hekk, il-kompetenzi mhux mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri. Din il-kwistjoni taqa' b'mod ċar taħt il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 245**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 57**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (57) Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika t-tħassib tiegħu dwar miżuri meħuda biex jipprojbixxu l-irqad fit-toroq u l-kostruzzjoni ta' għarajjex u għarajfiet, li | (57) Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika t-tħassib tiegħu dwar miżuri meħuda biex jipprojbixxu l-irqad fit-toroq u l-kostruzzjoni ta' għarajjex u għarajfiet, li |

| | |
|---|---|
| fil-prattika ġew deskritti b'mod wiesa' bħala l-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar. Il-Kummissarju ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jinvestigaw il-każijiet irrapportati ta' evizzjonijiet furzati mingħajr soluzzjonijiet alternattivi u ta' tfal li jittieħdu minn mal-familji tagħhom għal raġunijiet ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-leġiżlazzjoni tal-istat u lokali, ibbażata fuq ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali, li tiddeżinja ħafna żoni pubbliċi bħala pprojbiti għall-persuni li jorqdu fit-triq u dan effettivament jikkastiga lill-persuni mingħajr dar. | fil-prattika ġew deskritti b'mod wiesa' bħala l-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar. Il-Kummissarju ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jinvestigaw il-każijiet irrapportati ta' evizzjonijiet furzati mingħajr soluzzjonijiet alternattivi u ta' tfal li jittieħdu minn mal-familji tagħhom għal raġunijiet ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-leġiżlazzjoni tal-istat u lokali, ibbażata fuq ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali, li tiddeżinja ħafna żoni pubbliċi bħala pprojbiti għall-persuni li jorqdu fit-triq u dan effettivament jikkastiga lill-persuni mingħajr dar. ***Fil-15 ta' Frar 2012 u l-11 ta' Diċembru 2012 l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (OHCHR) stieden lill-Ungerija biex terġa' tikkunsidra l-leġiżlazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet lokali jippenalizzaw il-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u tirrispetta d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali għad-depenalizzazzjoni tal-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar.*** |

Or. en

**Emenda 246**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza*** | ***imħassar*** |

***okkupazzjonali, li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed, li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat, li l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat, li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat, għar-raġuni li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Partijiet kollha u għar-raġuni li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni għall-familji vulnerabbli.***

Or. en

**Emenda 247**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed, li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat, li | (58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed, li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat, li |

l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat, li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat, għar-raġuni li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Partijiet kollha u għar-raġuni li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni għall-familji vulnerabbli.

l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat, li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. ***Sa fejn hija kkonċernata din it-talba, il-Gvern tal-Ungerija jikkunsidra ż-żamma u ż-żieda fin-numru ta' impjiegi u l-espansjoni tal-impjiegi bħala l-kompitu primarju fid-dinja tax-xogħol; il-politika tal-gvern hija għalhekk marbuta mat-tul ta' żmien relattivament qasir tal-appoġġ għat-tfittxija tal-impjiegi, li għandu l-għan li jinkoraġġixxi t-tfittxija attiva tal-impjiegi u jtejjeb il-prospetti tas-suq tax-xogħol għal dawk li jitilfu l-impjiegi tagħhom.*** Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat, għar-raġuni li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Partijiet kollha u għar-raġuni li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni għall-familji vulnerabbli. ***Għall-kuntrarju tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ speċjali relatati mal-Karta Soċjali Ewropea, l-Ungerija wettqet fil-livell jew 'il fuq mil-livell tal-medja tal-UE 8 mit-12-il indikatur tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali mġedda tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea. Barra min hekk, il-kompetenzi mhux mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri. Din il-kwistjoni taqa' b'mod ċar taħt il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri.***

Or. en

**Emenda 248**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed, li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat, li l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat, li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat, għar-raġuni li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Parti kollha u għar-raġuni li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni għall-familji vulnerabbli. | (58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed, li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat, li l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat, li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat, għar-raġuni li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Parti kollha u għar-raġuni li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni għall-familji vulnerabbli. ***Fir-rigward tad-drittijiet tat-trade unions, il-Kumitat iddikjara li d-dritt tal-ħaddiema għal-liv imħallas mhuwiex iggarantit biżżejjed, li ma ttieħdet l-ebda miżura ta' promozzjoni favur il-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi meta dawn ftit li xejn jipproteġu lill-ħaddiema fl-Ungerija, u li fis-servizz pubbliku d-dritt li wieħed isejjaħ strajk huwa riżervat għat-trade unions li huma parti mill-ftehim konkluż mal-Gvern; il-*** |

***kriterji użati biex jiġu ddefiniti l-impjegati pubbliċi li huma mċaħħda mid-dritt tal-istrajk imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta; it-trade unions tas-servizz pubbliku jistgħu jsejħu strajk biss jekk il-maġġoranza tal-ħaddiema kkonċernati japprovawh.***

Or. fr

**Emenda 249**
**Monika Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali**,** li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed**,** li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat**,** li l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat**,** li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat***, għar-raġuni*** li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Partijiet kollha u ***għar-raġuni*** li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni | (58) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti ***biżżejjed*** mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali***;*** li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed***;*** li l-ammont minimu ta' pensjonijiet tax-xjuħija huwa inadegwat***;*** li l-ammont minimu ta' għajnuna għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat***;*** li l-perjodu massimu għall-ħlas tal-benefiċċju lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq***;*** u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. ***Barra minn hekk,*** il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-livell ta' assistenza soċjali mħallsa lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi persuni anzjani, mhuwiex adegwat***;*** li m'hemmx garanzija ta' aċċess ugwali għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini residenti b'mod legali tal-Istati Partijiet kollha***;*** u li ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' akkomodazzjoni |

| | |
|---|---|
| għall-familji vulnerabbli. | għall-familji vulnerabbli. |

Or. en

**Emenda 250**
**Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Sylvie Guillaume, Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58a) Ir-rapport tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar "Concluding observations on the combined third, fourth and fifth periodic reports of Hungary" (Osservazzjonijiet konklużivi dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames rapporti perjodiċi kombinati tal-Ungerija), ippubblikat fil-14 ta' Ottubru 2104, esprima tħassib rigward numru dejjem jiżdied ta' każijiet fejn it-tfal qed jittieħdu mill-familja tagħhom abbażi ta' kundizzjoni soċjoekonomika ħażina. Il-ġenituri jistgħu jitilfu t-tifel/tifla tagħhom minħabba qgħad, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas ta' spazju f'istituzzjonijiet ta' akkomondazzjoni temporanja. Abbażi ta' studju miċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom, din il-prattika taffettwa b'mod sproporzjonat lill-familji u t-tfal Rom.*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58a) B'mod konformi mat-Trattati, il-politiki soċjali u tal-impjieg huma strettament fil-kompetenza tal-Istati Membri. Fir-rigward tad-drittijiet soċjali msemmija fl-abbozz ta' rapport, l-istandards speċifiċi tal-UE ġew adottati biss fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Minħabba li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, id-drittijiet soċjali juru diverġenza sinifikanti abbażi tal-iżvilupp ekonomiku u fatturi soċjetali oħra u għalhekk ftit li xejn jistgħu jiġu interpretati u mkejla fil-qafas tal-Artikolu 2 tat-TUE.*** |

Or. en

**Emenda 252**
**Josef Weidenholzer, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58b) L-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li l-Ungerija tonqos milli tipproteġi liċ-ċittadini tagħha kontra l-faqar estrem. Il-programm tar-rati ta' xogħol tal-Ungerija jħallas liċ-ċittadini inqas mill-paga minima statutorja. Il-programm joħloq dipendenzi u jimmina d-demokrazija u l-istat tad-dritt.*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58c) Din ix-xitwa, 149 persuna mietu bil-kesħa fl-Ungerija sa nofs Frar. Dan ġie rrapportat mill-portal tal-Internet "24.hu" nhar it-Tlieta, li kkwota l-Forum Soċjali Ungeriż (MSZF), netwerk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-għajnuna. 47 fil-mija tal-vittmi huma persuni li jgħixu fil-faqar u mietu ffriżati fid-djar mhux imsaħħna tagħhom, qal ir-rapport. L-oħrajn mietu b'infjammazzjoni bil-ksieħ li kienu sofrew barra mid-dar.*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Josef Weidenholzer, Miltiadis Kyrkos, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58d) billi l-Ungerija ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) f'Mejju 2014, iżda din sal-lum għadha ma ġietx ratifikata. Jistieden lill-gvern Ungeriż jiffirma u jirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-aktar fis possibbli.*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar,**

**Monika Beňová, Cécile Kashetu Kyenge, Péter Niedermüller, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Soraya Post, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 58e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58e) Jirrkonoxxi l-isforzi magħmula fil-liġijiet kontra t-traffikar tal-bnedmin u jinkoraġġixxi lill-gvern ikompli u jtejjeb is-servizzi tal-appoġġ tal-vittmi billi jsaħħaħ l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-vittmi u n-nisa.*** |

Or. en

**Emenda 256**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 59**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(59) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Ungerija u permezz tal-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Ungerija, il-Kunsill indika li l-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tal-qgħad huma limitati, li l-perjodu tal-benefiċċji tal-qgħad ta' 3 xhur għadu l-iqsar fl-Unjoni, taħt iż-żmien medju meħtieġ biex il-persuni li qed ifittxu impjieg isibu x-xogħol, u li r-riforma tal-2015 fl-assistenza soċjali ssimplifikat is-sistema tal-benefiċċji iżda ma tidhirx li tat garanzija ta' standard tal-għajxien uniformi u b'mod minimu adegwat għal dawk fil-bżonn.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 59**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Ungerija u permezz tal-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Ungerija, il-Kunsill indika li l-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tal-qgħad huma limitati, li l-perjodu tal-benefiċċji tal-qgħad ta' 3 xhur għadu l-iqsar fl-Unjoni, taħt iż-żmien medju meħtieġ biex il-persuni li qed ifittxu impjieg isibu x-xogħol, u li r-riforma tal-2015 fl-assistenza soċjali ssimplifikat is-sistema tal-benefiċċji iżda ma tidhirx li tat garanzija ta' standard tal-għajxien uniformi u b'mod minimu adegwat għal dawk fil-bżonn. | (59) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Ungerija u permezz tal-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Ungerija, il-Kunsill indika li l-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tal-qgħad huma limitati, li l-perjodu tal-benefiċċji tal-qgħad ta' 3 xhur għadu l-iqsar fl-Unjoni, taħt iż-żmien medju meħtieġ biex il-persuni li qed ifittxu impjieg isibu x-xogħol, u li r-riforma tal-2015 fl-assistenza soċjali ssimplifikat is-sistema tal-benefiċċji iżda ma tidhirx li tat garanzija ta' standard tal-għajxien uniformi u b'mod minimu adegwat għal dawk fil-bżonn. ***Madankollu, fir-realtà, is-servizzi rilevanti tas-sistema Ungeriża jiggarantixxu introjtu minimu għal persuni fis-snin attivi tagħhom u r-riforma tal-2015 wasslet għal sistema ta' protezzjoni soċjali aktar trasparenti u tat lill-muniċipalitajiet id-dritt li joħolqu sistema ta' dispożizzjonijiet li tikkorrispondi aħjar għal ħtiġijiet lokali; dawn jistgħu jiddeterminaw it-tipi u l-listi ta' kontroll għas-servizzi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jirregolaw forom ulterjuri ta' kura mfassla għall-ħtieġa tal-popolazzjoni lokali. Madankollu, il-kompetenzi li ma jingħatawx lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri. Din il-kwistjoni taqa' b'mod ċar taħt il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 59a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(59a) Jirrikonoxxi l-impenn tal-Gvern Ungeriż biex jistabbilixxi "soċjetà tar-rati ta' xogħol" u jikseb ir-raba' rata l-aktar baxxa tal-qgħad fl-UE b'3.8 % ikompli jirrikonoxxi l-atti kruċjali li l-Ungerija implimentat sabiex tnaqqas l-effett ta' intrappolament tad-dipendenza fuq il-protezzjoni soċjali fl-oqsma żvantaġġati tal-pajjiż, pereżempju, il-programm tal-impjieg pubbliku li għandu rwol sinifikanti anke fil-politika soċjali u l-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet il-passi sostanzjali li ttieħdu biex tiġi inkoraġġita tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol primarju minn impjieg pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 259**
**Kinga Gál, Traian Ungureanu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 61**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (61) Għal dawk ir-raġunijiet, ***jenħtieġ li*** jiġi determinat***, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, li hemm*** riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, | (61) Għal dawk ir-raġunijiet, ***għandu*** jiġi determinat ***li ċ-ċirkostanzi ppreżentati jonqsu milli jippruvaw kwalunkwe*** riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, |

Or. en

**Emenda 260**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Anness I – punt 61**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (61) Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li jiġi determinat, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, li hemm riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, | (61) Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li jiġi determinat, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, li ***ma*** hemm ***l-ebda*** riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, |

Or. en

**Emenda 261**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Hemm riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. | ***Ma*** hemm ***l-ebda*** riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 262**
**Kinga Gál, Traian Ungureanu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Hemm riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. | ***Ma*** hemm ***l-ebda*** riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 263**
**József Szájer, Lívia Járóka, Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kunsill jirrakkomanda li l-Ungerija tieħu l-azzjonijiet li ġejjin fi żmien tliet xhur minn notifika ta' din id-Deċiżjoni: [...]*** | ***imħassar*** |

Or. en